**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Gordon Grima**

Numru 983/2010

Illum 12 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat **Gordon Grima**, ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Joseph u Emanuela neé Attard, imwieled fil-Pietà fil-5 ta' Gunju 1975 u li joqghod fil-fond Numru 22, Flat 4, Triq il-Foss, Birgu, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 471375(M) akkuzat talli:

1. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa Bormla f'xi hin bejn 2:00pm u 7:00pm ikkommetta serq ta' *cables* tad-dawl minn gewwa is-*sub-station* tal-Enemalta li tinsab fi Triq Santa Liena, Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi il-232.94 Euro izda ma

jeccedix il-2329 Euro u bil-mezz ghad-detriment ta' Enemalta Corporation;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioé ghamel hsara gewwa l-istess *sub-station*, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Enemalta Corporation;

3. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa Bormla f'xi hin bejn 2:00pm u 7:00pm, volontarjament ta n-nar lil bini, gharix, jew lok iehor, jew volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini gharix, jew lok iehor, jew dan il-materjal, kien qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa kien hemm xi persuna u cioé kkawza nirien gewwa numru 6, Sur San Pawl, Bormla ghad-detriment ta' Maria Muscat u/jew persuni ohra;

4. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 9, Blokk 6a, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Sabrina Degiorgio u/jew persuni ohra;

5. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 6a, Flat 4, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Rosario Bellotti u/jew persuni ohra;

6. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Le Chateau, Triq Cetta Mintoff, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Emanuel Xuereb u/jew persuni ohra;

7. fl-20 ta' Settmebru 2010, gewwa numru Blokk 7, Flat 5, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Sandro Darmanin u/jew persuni ohra;

8. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 6, Entrance 3, Triq San Mikiel, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara jew fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Ruth Bongailas u/jew persuni ohra;

9. fl-20 ta' Settembru 2010 gewwa numru Flat 2, Blokk 6, Triq San Mikiel, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Sylvana Bongailas u/jew persuni ohra;

10. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 8, Sur San Pawl, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Maria Melissa Muscat u/jew persuni ohra;

11. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 69, Flat 1, Triq San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Carmen Paretti u/jew persuni ohra;

12. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 5, Flat 5, Triq Mariano Gerada, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Antoinette Borg u/jew persuni ohra;

13. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 2, Sur San Pawl, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Joseph Spiteri u/jew persuni ohra;

14. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 2, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Josette Schembri Vella u/jew persuni ohra;

15. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 6, Blokk 10, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' Joseph D'Anastas u/jew persuni ohra;

16. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 1, Sur San Pawl, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Vincenza Cutajar u/jew persuni ohra;

17. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 71, Flat 4, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1164.69 Euro, ghad-dannu ta' John Grech u/jew persuni ohra;

18. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 6a, Flat 6, Triq Cetta Mintoff, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Alexandra Vassallo u/jew persuni ohra;

19. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 6a, Flat 8 Triq Cetta Mintoff, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Ronald Ungaro u/jew persuni ohra;

20. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 4, Sur San Pawl, Bormla f'xi hin bejn 6.00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Assuero Micallef u/jew persuni ohra;

21. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 6a, Flat 7, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara ma teccedix l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' John Scerri u/jew persuni ohra;

22. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 1, Triq Cetta Mintoff, San Gwann T'Ghuxa, Bormla, f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Paul Bonnici u/jew persuni ohra;

23. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 3, Entrance 6, Flat 16, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Gertrude Galea u/jew persuni ohra;

24. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 3, Flat 3, Triq San Mikiel, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Teresa Bongailas u/jew persuni ohra;

25. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 3, Flat 5, Triq San Mikiel, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Dorianne Sultana u/jew persuni ohra;

26. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 3, Sur San Pawl, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Peter Muscat u/jew persuni ohra;

27. fl-10 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 3, Blokk 67, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' John Debono u/jew persuni ohra;

28. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 6, Blokk 71, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Francis Gatt u/jew persuni ohra;

29. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 71, Flat 2, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Rosanne Cesare u/jew persuni ohra;

30. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 71, Flat 3, Triq Santa Liena, Bormla, f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Anthony Gerald Scinto u/jew persuni ohra;

31. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 2, Blokk 8, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Emanuel Catania u/jew persuni ohra;

32. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 4, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Carmela Busuttil u/jew persuni ohra;

33. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 67, Flat 7, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Amanda Azzopardi u/jew persuni ohra;

34. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 9, Flat 3, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Emanuele Leone Ganado u/jew persuni ohra;

35. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 5, Flat 2, Triq Mariano Gerada, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Mary Ciantar u/jew persuni ohra;

36. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 3, Entrance 67, Flat 4, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Emmanuel Mifsud u/jew persuni ohra;

37. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 7, Blokk 7a, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' John Pisani u/jew persuni ohra;

38. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru 7, Sur San Pawl, Bormla, f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Carmel Camilleri u/jew persuni ohra;

39. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 7d, Flat 4, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Carmel Micallef u/jew persuni ohra;

40. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 67, Flat 5, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Margaret Fiorini u/jew persuni ohra;

41. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 71, Flat 1, Triq Santa Liena, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47Ewro, ghad-dannu ta' Mary Magro u/jew persuni ohra;

42. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 3, Flat 8, Triq San Mikiel, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Emanuel Frendo u/jew persuni ohra;

43. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 1, Blokk 8, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Francis Caruana u/jew persuni ohra;

44. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 3, Blokk 6b, Pjazza Tony Coleiro, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Joseph Bugeja u/jew persuni ohra;

45. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 6b Flat 4 San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Julian Borg u/jew persuni ohra;

46. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 5, Blokk 7b, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Josephine Gatt u/jew persuni ohra;

47. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 5 Blokk 6b, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Carlo Xuereb u/jew persuni ohra;

48. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Flat 6, Blokk 9, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi 116.47 Euro, ghad-dannu ta' Carmelo Diacono u/jew persuni ohra;

49. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 6a, Flat 3, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Marcelline Marmara u/jew persuni ohra;

50. talli fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Blokk 8, Flat 3, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Maria Grazia Grech u/jew persuni ohra;

51. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa numru Entrance 5, Flat 4, Triq Mariano Gerada, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-116.47 Euro, ghad-dannu ta' Joana Camilleri u/jew persuni ohra;

52. fl-20 ta' Settembru 2010, gewwa Blokk 9, Flat No. 5, San Gwann T'Ghuxa, Bormla f'xi hin bejn 6:00pm u 7:00pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, liema hsara teccedi l-1,164.69 Euro, ghad-dannu ta' Francis Spiteri u/jew persuni ohra;

53. fl-istess data u cirkostanzi gewwa Bormla volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioé hsara fuq apparat domestiku, u dan ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, kaz ta' htija, titratta lill-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 733/2010 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Silvio Meli liema Process Verbal jirrigwarda hruq fil-fond numru 6, is-Sur ta' San Pawl, Bormla, qtugh tal-provvista ta' l-elettriku fl-istess akwata u serq ta' *cables* mis-*sub-station* ta' l-Enemalta li jinsabu go *basement* ta' garaxxijiet li jinsabu fi Triq San Gwann, Bormla li sehhew fl-20 ta' Settembru 2010.[1]

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 556) datata 12 ta' Settembru 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

[1] *Envelope loose.*

1. fl-Artikoli 261(b), 261(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 325(1)(a), 326(1)(c), 326(1)(e), 326(1)(f) u 326(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 557), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-12 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 556), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 579 *et seq.*).</u>

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 585), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 588), li l-patteggjament li sar riferenza ghalih fis-seduti ta' qabel baqa' ma giex milhuq u li, fl-istess seduta, semghet lid-difiza titlob li jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 590), lill-Ufficjal tal-*Probation* Ivan Sultana jinforma lill-Qorti li ma setghax ihejji s-*Social Inquiry Report* u dana *stante* li l-imputat ma kkooperax.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 598), lid-difiza titlob li s-*Social Inquiry Report* li l-istess difiza talbet li jigi mhejji fil-konfront tal-imputat ma jigix prezentat ghar-ragunijiet imsemmija mill-istess difiza.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 598), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017, is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 605 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010, xehed l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Anthony Portelli** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn spjega li fis-16 ta' Settembru 2010 kien gie nfurmat li gew arrestati zewg zghazagh suspettati li kienu qed jisirqu minn gewwa l-*area* tat-tarzna tal-Palumbo. Jghid li kien diga sar rapport ta' diversi serq ta' *cables*, sia minn hemm u sia mill-*Power Station* l-antika. Spjega li fl-20 ta' Settembru 2010 fis-7.00pm kien dahal rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla li kien hemm *surge* ta' dawl f'certu residenzi, fejn inqabdet residenza minnhom, u rrizulta li kien sar sgass fis-*sub-station* li tinsab f'Triq Santa Liena, Bormla, fejn kien hemm xi *cables* neqsin. Jghid li l-ghada gie avvicinat mill-iSpettur Christopher Pullicino fejn qallu li kien ircieva informazzjoni kunfidenzjali li l-persona responsabbli kien l-imputat. Spjega li anke l-iSpettur Fabian Fleri kien nfurmah li kien gie avvicinat b'mod kunfidenzjali li l-imputat kien responsabbli ghall-incident tas-*sub-station* in kwistjoni. Ezebixxa dikjarazzjoni u stqarrija rilaxxati mill-imputat, li gew immarkati bhala Dok. "AP" u Dok "AP 1" (*a fol.* 30 *et seq.*) rispettivament. Jixhed li l-imputat cahad l-involviment tieghu u li fil-prezenza tal-Magistrat Inkwirenti Dr. Silvio Meli ttiehdu l-*fingerprints* tal-imputat fejn gie mqabbad l-espert Joseph Mallia li nfurmah li l-komparazzjonijiet li ghamel qablu ma' dawk tal-imputat.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010, xehed ukoll l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Fabian Fleri** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn spjega li fl-20 ta' Settembru 2010 ghall-habta tas-7.00pm, il-Pulizija tal-Ghassa ta' Bormla rcevew telefonata li kien hemm hruq gewwa 6, Sur San Pawl, Bormla. Spjega li fuq il-post marrru PS 1576 Simon Grech u pulizija ohra tad-distrett fejn sabu membri tal-Protezzjoni Civili jitfu n-nirien. Jixhed li gie stabbilit li dawn in-nirien gew ikkawzati minn televizjoni u li saru probabilment b'*surge* qawwija tal-elettriku. Jispjega li waqt li kien fuq il-post, PS 1576 gie avvicinat minn Joseph Spiteri, Censina Cutajar u Sandra Vassallo li gralhom l-istess haga fejn ixxortjawlhom xi *domestic appliances* fid-djar taghhom. Jixhed li ghall-habta tad-9.00pm gie nfurmat minn ufficjal tal-Enemalta bl-isem ta' Noel Muscat li s-*sub-station* fi Triq Santa Liena, Bormla kienet instabet sgassata. Spjega x'ra meta mar fuq il-post flimkien mas-Supretendent Bartolo. Jghid li l-bieb tal-kamra ta' isfel (li jaghti ghall-intern tal-*basement*) u l-bieb ta' gewwa tal-kamra ta' fuq (dak li jaghti ghall-intern ukoll) instabu sgassati. Jghid li l-bieb li jaghti ghar-rampa ma kienx sgassat. Jghid: *"Dawn iz-zewgt ikmamar mhux interconnected bejniethom, jigifieri minn ta' fuq ma tistax tinzel ghal ta' isfel internament imma trid tohrog minn barra imma jiena stajt ninnota li fuq gewwa tal-kamra ta' fuq kien hemm tliet qishom transformers kbar ta' l-Enemalta li wiehed minnhom ma kienx mimsus, wiehed minnhom kellu diversi cables maqlughin minn mieghu u iehor kellu panel mghawweg u cable maqtugh nofsu"* (*a fol.* 35). Jghid li fil-kamra ta' isfel ra diversi boldijiet imxerrdin mal-art u ra wkoll diversi affarijiet mcaqalqin u l-*cables* maqlughin. Spjega li kien gie nfurmat il-Magistrat Inkwirenti Dr. Silvio Meli li ordna li tinfetah Inkjesta Magisterjali fejn hatar diversi esperti biex jassistuh fl-Inkjesta. Jghid li wara li sar stharrig fuq il-post rrizulta li minn gos-*sub-station* ittiehdu madwar mija u sebghin (170) metru ta' *cable*. Jghid ukoll li gew elevati xi *fingerprints* minn fuq barra tal-bieb tal-kamra ta' isfel u minn fuq il-*panel* li kien mghawweg, kemm fuq in-naha ta' gewwa tieghu u kemm fuq in-naha ta' fuq. Jixhed li l-informazzjoni li bdiet diehla ghandu kienet simili ghal dik li bdiet diehla ghand l-iSpettur Anthony Portelli. Jghid li hu kien ircieva informazzjoni kunfidenzjali li kien l-imputat li kien wettaq is-serq tal-*cables*. Jghid li ha lill-imputat fis-*sub-station* fil-prezenza ta' PC 215 Clint Zahra u meta staqsieh jekk qattx kien dahal fiha, l-imputat

qallu li qatt ma kien dahal fiha. Jghid li ma rrizulta xejn minn tfittxija li saret fuq l-imputat, fuq il-vettura li kien qed juza, fir-residenza tieghu fil-Birgu u fil-*flat* li l-imputat kellu u li jinsab ftit boghod minn fejn hemm is-*sub-station*. Spjega x'irrizulta wara li ttiehdu l-*fingerprints* tal-imputat u saret il-komparazzjoni. Jghid li minn meta sar is-serq, cioé fl-20 ta' Settembru 2010, sakemm l-imputat tressaq il-Qorti, dahlu total ta' tnejn u hamsin (52) rapport ta' hsarat f'diversi djar gewwa Bormla liema djar jinsabu fl-*area* fejn is-*sub-station* tissupplixxi d-dawl.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010, xehed ukoll **PS 1576 Simon Grech** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn spjega li fl-20 ta' Settembru 2010 ghall-habta tas-7.00pm waqt li kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla gie nfurmat li kien qed jaqbad il-fond 6, Sur San Pawl, Bormla. Spjega x'sab meta mar fuq il-post u x'qaltlu Mary Muscat, sid id-dar, u x'qalulu l-girien. Jghid ghall-habta tad-9.00pm kien mar l-Ghassa tal-Pulizija l-ufficjal tal-Enemalta Noel Muscat li qallu li xi hin qabel kien mar fis-*sub-station* fl-inhawi u sabha sgassata. Jghid li meta acceda fuq il-post flimkien ma' Muscat ra *cable* ssegat. Jixhed li wara gie nfurmat li kien hemm madwar mija u hamsa u sebghin (175) metru *cable* ta' l-*earth* neqsin. Jghid li Muscat qallu li fin-nuqqas ta' *earth*, meta jigi ssegat in-*neutral*, id-dawl joghla u li kien hemm suspett li hafna djar aktar kellhom hsarat kbar bil-kurrent. Ezebixxa l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "SG" (*a fol.* 44 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2010, xehed il-**Psikjatra Dr. Anton Grech** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat ghandu problema serja ta' l-abbuz tad-droga u ghandu dipendenza fuq id-droga eroina u jabbuza wkoll mill-kokajina. Jghid li l-imputat ma jbaghtix minn mard mentrali serju iehor. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "AG" (*a fol.* 83 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk meta ntervista lill-imputat, l-imputat weriex ir-rieda li jixtieq jibda program, wiegeb fin-negattiv u qal li hu (il-Psikjatra Grech) ma dahalx fiha.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010, xehed il-**Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 90 *et seq.*) fejn ipprezenta r-relazzjoni redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "RA" (*a fol.* 92 *et seq.*). Huwa wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> "Is-*Sub Station*, li jikkonsisti f'zewg *Garages* wiehed fuq l-iehor, jinsab taht Blokk ta' appartamenti fost ghadd ta' *Garages*. Dawn iz-zewg sulari ta' *Garages* ghandhom access liberu minn barra permezz ta' vettura billi ma kienx hemm bibien (rixtellu) msakkra. Gie osservat li wiehed minn dawn l-accessi kellu rixtellu miftuh, bil-katnazz imqabbad mieghu. Ghalhekk il-mezz ta' tiskir kien gie provdut, izda mhux uzat.
>
> Il-bieb tas-*Sub Station* ta' fuq li jaghti ghal barra, kellu cilindru *flush* mal-wicc tal-bieb. Dan ma jistghax jinqabad b'*wrench* u jitqaccat mil-lok u kien ghalhekk li fiz-zewg bibien li gew sgassati, il-pjanca ta' madwar ic-cilindru kienet imcarrta. Ladarba c-cilindru jitqaccat mil-lok, is-serratura tkun tista' tinfetah b'tornavit".

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010, xehed ukoll **PS 1374 Edgar Dalli** (*a fol.* 101 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Silvio Meli biex jiehu l-impronti tal-pali ta' l-idejn u tas-swaba tal-imputat. Jghid li kellu jghaddi dawn l-impronti lill-espert Joseph Mallia. Ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab immarkata bhala Dok. "ED" (*a fol.* 58 *et seq.* tal-Process Verbal).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010, xehed ukoll **Joseph Mallia** (*a fol.* 103 *et seq.*) fejn qal li in segwitu tan-nomina tieghu mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Silvio Meli rrizulta li l-ezami komparattiv li wettaq kien wiehed li rrizulta fil-pozittiv. Ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab immarkata bhala Dok. "JM" (*a fol.* 64 *et seq.* tal-Process Verbal).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2010, xehdet ukoll **Maria Muscat** (*a fol.* 105 *et seq.*) fejn spjegat li xi xahrejn jew tlitt xhur qabel ghall-

habta tas-6.00pm inharqitilha l-kamra tas-sodda taghha fid-dar li tinsab numru 6, Sur San Pawl, Bormla. Tghid li marrulha t-*televisions* kollha u li gabet Perit li ghamlilha stima ta' kull oggett li nharaq. Tghid li meta gara hekk hi ma kienitx prezenti d-dar. Ezebiet stima ppreparata mill-Perit tal-Gvern, liema stima giet immarkata bhala Dok. "MM" (*a fol.* 110 *et seq.*). Tghid li ma hadet l-ebda kumpens.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2011, xehed **Brian Micallef** (*a fol.* 119 *et seq.*) fejn spjega li huwa Inginier l-Enemalta u qal li dakinhar tal-akkadut kien gie nfurmat li kien hemm zona f'Bormla bil-*high voltage*. Jghid li wara gie nfurmat ukoll li xi hadd kien dahal fis-*sub-station* u seraq r-ram tan-*neutral* u tal-*earth*. Mistoqsi jghid jekk is-*sub-station* sofrietx xi danni, wiegeb: *"Bibien u l-materjal u l-panel ghax sgassaw il-panel tal-low tension u plus il-konsegwenzi ghax trid tiskonnettja l-earth"* (*a fol.* 120). Jispjega li x'hin il-*link* bejn in-*neutral* u l-*earth* jigi nterrot, il-vultaggi jvarjaw, wiehed jitbaxxa hafna u t-tnejn l-ohra jitilghu iktar milli suppost. Jghid li bhala konsegwenza jinharqu affarijiet u *appliances* tan-nies. Spjega li saru ilmenti minn xi nies li gew infurmati li ma kienx ser jinghata kumpens minhabba li dan kien kaz ta' serq. Jghid li d-danni sofferti minn terzi gew dokumentati u jinsabu fil-*file* tal-kumpanija. Jixhed li fir-rigward tal-hsara li soffriet direttament l-Enemalta, ghandu stima u *breakdown* tal-*labour* u tal-materjal li tammonta ghal €4980. Ezebixxa stima li giet immarkata bhala Dok. "BM" (*a fol.* 124 *et seq.*). Ezebixxa wkoll kopja ta' rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "BM 1" (*a fol.* 128). Jghid li l-ahhar darba li ra s-*sub-station* kien madwar xahar qabel meta kienu qed jiehdu xi *load readings* u li ma kienx hemm sgass.

**Brian Micallef** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011 (*a fol.* 237 *et seq.*) fejn spjega li fl-20 ta' Settembru 2010 kien dahal ilment minn ghand *operator* li kien hemm xi vultagg gholi f'zona f'Bormla u hu kien baghat *foreman* biex jinvestiga l-kaz. Jghid li l-*foreman* cempillu u qallu li kien dahal xi hadd fis-*sub-station* u seraq xi materjal minnha. Mistoqsi jghid jekk ghandux xi dokument x'jezebixxi, wiegeb: *"Statement of Expenditure tal-materjal u tan-nies. Il-foreman hareg il-lista tal-materjal u tal-labour u min hadem*

*dakinhar u kollox"* (*a fol.* 238). Jghid li din giet ippreparata mill-*foreman* Noel Muscat u li bhala *labour* ghamilha hu (Micallef). Ezebixxa dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. "BM" (*a fol.* 240 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2011, xehed **Charles Grima** (*a fol.* 132 *et seq.*) fejn spjega li huwa *leading fireman* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. Jghid li fl-20 ta' Settembru 2010 marru f'dar numru 6, Fuq San Pawl, Bormla fejn kien hemm hsara ghax qabad televizjoni u partijiet mill-ghamara f'kamra tas-sodda. Jghid li meta marru fuq il-post sabu nar effettiv u duhhan u li l-iskop taghhom kien li jitfu n-nar, liema nar gie kkontrollat fi tliet kwarti. Jghid li d-dar tmiss ma' residenzi ohra.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2011, xehed il-**Psikjatra Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 137 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat mar taht il-kura tieghu fil-25 ta' Settembru 2010. Jghid li dak iz-zmien l-imputat kien fi stat mentali disturbat wara li kien arrestat u kien qed jiehu ghadd ta' sustanzi differenti li jinkludu l-eroina u pilloli li suppost ikunu preskritti imma kien jixtriehom minn fuq l-idejn. Jghid li l-imputat kien *restless* hafna u kien *overactive* ukoll u li minn dak iz-zmien 'l hawn beda jitnaqqaslu l-methadone ghaliex minkejja li kien qed jiehu dan kollu, kien qed jiehu iktar minn mitt (100) methadone kuljum. Jghid li l-istat mentali tieghu tjieb hafna u nnota li ghandu relazzjoni tajba hafna mat-tarbija li ghandu. Jghid ukoll li kemm ilu t-Taqsima Forensika, l-*urines* fuq *toxicology* kienu dejjem kwazi negattivi. Jixhed li kemm dam fit-Taqsima Forensika, taht osservazzjoni, l-imputat gab ruhu tajjeb. Mistoqsi jghid jekk Ufficjal tal-*Probation* ikunx bizzejjed, wiegeb: *"Ma nistax nghid fuqha ghax l-element ta' supervision li ser ikollu ma nahsibx li bil-probation officer ser ikun bizzejjed. Issa hemm element iehor, hemm element psikjatriku. Illi dan irid jigi osservat ukoll u l-Probation Officer mhux l-inkarigu taghha li josserva dan"* (*a fol.* 139). Jghid: *"jekk mhux nizbalja ilu 17-il sena jiehu d-droga"* (*a fol.* 140). Jghid ukoll: *"Jiena nahseb li l-iktar tajjeb li jista' jkompli ghaddej huwa jekk eventwalment imur program"* (*a fol.* 140). Mistoqsi x'tip ta' program qed jahseb dwaru, wiegeb: *"Residenzjali. Naf li forsi ma ddoqqlux bizzejjed bhal issa imma*

*on the long term dak jaqbillu ghax hija ghall-gid tieghu u ghall-familjari tieghu u ghas-socjeta' ta' madwaru"* (*a fol.* 140).

**Dr. Joseph Spiteri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 281 *et seq.*) fejn spjega kif l-imputat kien mar il-program u wara xi ftit zmien tfacca l-*clinic* tieghu fejn kien infurmah li kien telaq mill-program. Jghid li l-imputat kien qed ibghati minn *depression*. Jixhed li, dik il-gurnata stess, l-imputat rega' gie ammess l-iSptar Monte Carmeli, mhux bhala arrest pero bhala pazjent normali. Jghid li eventwalment l-imputat rega' gie arrestat u f'Lulju 2011 rega' mar lura t-Taqsima Forensika. Jghid li l-imputat ghandu sintomi ta' *attention deficit disorder* u ghandu storja ta' aktar minn ghoxrin (20) sena jiehu d-drogi. Jghid li kemm l-imputat dam it-Taqsima Forensika, *"qatt – avolja kien hemm xi darba jew anke iktar minn darba kien hemm id-droga hu qatt ma ha"* (*a fol.* 281). Ghamel riferenza wkoll ghall-aspett personali tal-imputat u spjega ghala l-imputat splittja mill-program. Jghid li l-imputat ghandu relazzjoni tajba hafna mat-tfal tieghu. Jispjega li bl-*attention deficit* li jbaghti minnha l-imputat, l-imputat jixtieq l-affarijiet immedjati. Jghid: *"U li qed jigri huwa li dana mar il-program u l-program meta huwa sistema ta' program, la jista' jara t-tfal, li jista' jkun hemm dawn l-affarijiet illi mhux biex inmaqdar il-programmi, imma l-programmi huma a general trend u ma jassumux li xi hadd ghandu attention deficit. U allura dan sabha difficli u tkun difficli bizzejjed illi jista' jkun hemm hsibijiet anke li jrid imur u dawn l-affarijiet. Jigifieri mhux qed nghid li ma jbaghtix mid-depression, ibaghti. L-attention deficit fil-fatt ibaghtu iktar mid-depression mill-general population"* (*a fol.* 282). Jghid li meta l-imputat rega' mar lura t-Taqsima Forensika, l-istat mentali tieghu kien tajjeb u baqa' tajjeb sal-gurnata tal-lum (sakemm qed jixhed). Jghid li dakinhar hadlu l-urina u rrizultat fin-negattiv ukoll. Jghid li l-kustodja tat-tfal inghatat lill-imputat u mhux lill-mara jew il-*partner* tieghu u li huwa importanti li l-kuntatt mat-tfal jibqa' hemmhekk.

**Dr. Joseph Spiteri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' April 2015 (*a fol.* 571 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat kien ilu taht il-kura tieghu ghal numru ta' snin waqt li l-imputat kien fit-Taqsima Forensika u kellu ordni ta' supervizjoni. Jghid: *"Jigifieri s'issa ghadu*

*ma sehhx l-appuntament mindu harget is-supervision order"* (*a fol.* 571). Jghid ukoll: *"Jekk taghmel ordni biex jigi l-Mount Carmel jien narah il-Mount Carmel"* (*a fol.* 572).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2011, xehdet **Victoria [Vicky] Scicluna** (*a fol.* 142 *et seq.*) fejn spjegat li hija adetta s-Sedqa. Tghid li ilhom jaraw lill-imputat il-habs mill-4 ta' Novembru 2010 waqt liema sessjonijiet offrew lill-imputat is-*support* taghhom u l-ghajnuna li jistghu jaghtuh minhabba l-problema tad-droga. Tahseb li jkun tajjeb ghall-imputat kieku jmur program pero tghid li l-imputat ma jixtieqx imur program ghax huwa tmintax (18)-il xahar twil u jghid li jixtieq jiehu hsieb lill-familja tieghu u lit-tfal tieghu. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "VS" (*a fol.* 145).

**Victoria [Vicky] Scicluna** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2011 (*a fol.* 151 *et seq.*) fejn spjegat is-sitwazzjoni tal-imputat u li lesti li jehduh il-program. Mistoqsija tghid jekk l-imputat hux qed juri motivazzjoni, wiegbet: *"Iva li nista' nghid hawn hekk li l-klijent huwa entuzjasta u lest li jkompli jahdem fuq il-behaviour tieghu u fuq il-problema tad-droga u qed juza l-hin li naghtuh b'mod tajjeb u sodisfacenti ghalina"* (*a fol.* 152).

**Victoria [Vicky] Scicluna** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2011 (*a fol.* 185 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat qieghed ihossu tajjeb u li lest li jigi mehud il-program. Tghid: *"Qed narawh motivat hafna u jixtieq ibiddel il-hajja tieghu u jiddedika ruhu anke ghat-tfal tieghu u jkun missier ahjar"* (*a fol.* 185).

**Victoria [Vicky] Scicluna** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 287 *et seq.*) fejn spjegat li wara li l-imputat dahal progam fit-12 ta' Mejju 2011, l-imputat wasal f'punt fejn beda jghid li kien qed ihoss li l-program kien qed izommu 'l boghod mit-tfal tieghu u mill-familja tieghu ghax ma setax jarahom spiss kemm xtaq. Tghid li l-imputat spicca telaq mill-program fit-28 ta' Gunju 2011 u li minn dak iz-zmien ma ghamilx kuntatt maghhom. Ezebiet dokumentazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "VS" (*a fol.* 289 *et seq.*).

**Victoria [Vicky] Scicluna** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 317 *et seq.*) fejn meta giet mistoqsija tixhed dwar xi progress ghamel l-imputat fi hdan is-Sedqa, wiegbet: *"Ghamel progress fis-sens li qed jifhem, irrifletta ftit fuq il-possibilita' li jmur program. Accetta li jmur program u qed jghid "Ehe, irrid immur program", anke minhabba li l-istruttura taghna issa nbidlet, ma ghadhiex sena residential"* (*a fol.* 317).

**Victoria [Vicky] Scicluna** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 321 *et seq.*) fejn qalet: *"Ghamilna l-kuntatti mieghu u ppreparajna l-affarijiet. Lest biex nehduh il-progam [residenzjali] fit-tlieta u ghoxrin (23) ta'April li gej"* (*a fol.* 321). Tghid: *"It-tul huwa sitt (6) xhur residenzjali, xahrejn semi-residential fejn jibdew jahdmu u jaghmlu volontarjat, imbaghad ghandhom seba' (7) xhur re-entry fejn ikunu barra dejjem"* (*a fol.* 321).

**Victoria [Vicky] Scicluna** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 325) fejn ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "VS" (*a fol.* 326).

**Victoria [Vicky] Scicluna** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 336) fejn qalet: *"Mill-ahhar rapport li ghamilna qed naraw li [imputat] ghadu herqan hafna biex jahdem, dahal sew fil-program, qed jircievi l-feedback li qed jinghata tajjeb hafna u qed jinvesti hafna fil-program, qed naraw differenza kbira fih"* (*a fol.* 336). Tghid li l-istaff kollu jaghtu *feedback* pozittiv fuqu. Tghid: *"Pero' l-feedback huwa tajjeb immens, anke jiena qed nara differenza kbira fih"* (*a fol.* 336). Ezebiet ittra li giet immarkata bhala Dok. "VS 1" (*a fol.* 338).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehdet **Rosaria Bellotti** (*a fol.* 154 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut kienu d-dar taghhom f'Blokk 6a, Flat 4, San Gwann T'Ghuxa, Bormla u marrilhom id-dawl. Tghid: *"Hrigna fil-flat ghax jiena noqghod fi flat ta' disa' (9) min nies u kulhadd beda jghid xi gralu u ma gralux. U kulhadd beda jara x'jixghel u ma jixghelx u ma xeghlux hafna affarijiet imbaghad hux"* (*a fol.* 155). Tghid li ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija peress li nharqu xi *appliances* li tghid li kienu l-*fridge*, il-*freezer*, *stereo* tas-CD, radju,

*telephone cordless* ta' tnejn, *air conditioners*, qanpiena tal-bieb, u fanal tal-kcina. Tghid li bicciet minn dawn baqghu ghandha u bicciet minnhom m'ghadhomx. Mistoqsija ghal valur taghhom, tghid li meta xtrathom hi kkalkulat li b'kollox gewha Lm1400.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehed ukoll **Ronald Ungaro** (*a fol.* 158 *et seq.*) fejn spjega li gurnata s-sena ta' qabel, ma jafx jekk hux fis-Sajf jew fix-Xitwa, faqqghet is-salvavita fid-dar Blokk 6a, Numru 8, San Gwann T'Ghuxa, Bormla u meta marru biex jixghelu l-*appliances*, it-televizjoni ma xeghelx, il-qanpiena ta' barra ma hadmitx, u nharaqlu t-tubu u l-fan u affarijiet zghar. Ma jafx kemm sofra hsara. Jghid li t-televizjoni sewwieh u hallas €35.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma garrabx danni kbar esagerati. Jghid li forsi €500. Mistoqsi jghid jekk l-affarijiet kienux ilhom ghandu, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehed ukoll **Giovanni Scerri** (*a fol.* 162 *et seq.*) fejn spjega li huwa joqghod Blokk 6a, Flat 7, San Gwann t'Ghuxa, Bormla u kien hemm *surge* tal-elettriku u l-ewwel faqqghet il-qanpiena u mbaghad zewg bozoz u fan. Mistoqsi jghid jekk bhala hsara harigx xi spejjez, wiegeb: *"Il-qanpiena Lm6, zewg bozoz u fan antik xi Lm8"* (*a fol.* 163). Jghid li ghamel rapport.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk iridx xi haga mill-imputat, wiegeb: *"Xejn ghax ma hemmx ammont kbir. Iz-zewg bozoz ghamilthom u l-fana dana. Kieku marret il-fridge ghax m'ilniex li xtrajtha nghidlek iva"* (*a fol.* 164). Mistoqsi jghid jekk hux qed jahfer, wiegeb: *"Iva mela ghax affarijiet zghar hux"* (*a fol.* 164).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehed ukoll **Assuero Micallef** (*a fol.* 165 *et seq.*) li joqghod 4, Sur San Pawl, Bormla fejn spjega li kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ghax inharaqlu t-televizjoni. Jghid li ma jafx x'gara. Mistoqsi jghid kemm kien jiswa t-televizjoni, wiegeb li ma jafx ghax kien ilu li xtrah.

In kontro-ezami jghid li t-televizjoni kienu ilu erba' snin ghandu. Jghid li xtrah gdid u li kien kbir 14 inch. Mistoqsi jghid jekk hux qed jahfer lill-imputat, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehed ukoll **Joseph Spiteri** (*a fol.* 169 *et seq.*) li joqghod 2, Sur San Pawl, Bormla fejn spjega li marlu t-televizjoni u *"dak tal-bieb hawn biex niftah il-bieb bir-remote"*. Jghid li ma jafx meta gara dan. Jghid li dawn marrulu fl-istess gurnata fil-ghaxija. Jixhed li mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u mistoqsi jghid jekk kienx gara xi haga biex marru dawn it-tnejn li semma, wiegeb: *"Intefa' d-dawl u hrigt nigri 'l barra"* (*a fol.* 170). Jghid li mar id-dawl ta' kulhadd. Mistoqsi jghid xi spejjez kien nefaq fuq dan l-incident, wiegeb: *"Ifhem it-television zghir hekk"* (*a fol.* 171). Jghid li t-televizjoni kien xtrah madwar €200. Ma jiftakarx kemm kien sewa' r-*remote* li semma. Mistoqsi jghid kemm bata bhala spejjez, jghid: *"Ricevuti ghandi imma mhux qeghdin ghandi"* (*a fol.* 172).

In kontro-ezami jghid li t-televizjoni kien ilu ghandu madwar sena jew sena u nofs. Mistoqsi jghid jekk jahfirx lill-imputat, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, xehed ukoll l-i**Spettur Christopher Pullicino** (*a fol.* 174 *et seq.*) fejn spjega li fit-22 ta' Settembru 2010 in segwitu tal-incident *de quo* kien cempillu persuna fejn nfurmah li xtaq ikellmu. Jghid li dan il-persuna kien indika lill-imputat bhala l-persuna li ghamel l-incident tas-*sub-station*. Jghid li dan il-persuna qallu li l-imputat kien ghaddej minn problema tad-droga u kien qed jaghmel minn kollox biex jisraq *cables* tar-ram u jbieghhom. Jghid li hu ghadda dak li gie mghoddi lilu lill-iSpettur Portelli.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2011, xehed **Emanuel [Manuel] Xuereb** (*a fol.* 180 *et seq.*) li qal li joqghod Flat 2, Blokk 6A, San Gwann t'Ghuxa, Bormla u meta gie mitlub jispjega x'kien jirrigwarda r-rapport li ghamel fl-20 ta' Settembru 2010, jixhed li kien mar l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla u ghamel rapport fejn f'illi kellu d-dawl normali u f'salt minnhom ghola u gratlu l-hsara

f'certu *appliances*. Mistoqsi jghid fiex, wiegeb: *"Il-computer, fridge freezer li hija built-in u marli l-freezer, il-washing machine li hija top-loader, video recorder u television ta' 32 inch"* (*a fol.* 181). Ikkonferma li kellu *surge* fl-elettriku. Jghid li l-hsara kienet tammona ghal madwar €2000.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk ghandux dokumenti ta' kemm inxtraw l-affarijiet li saritilhom il-hsara, wiegeb li ghandu tal-kompjuter u tal-*washing machine*. Jghid li tal-ohrajn ma ghandux ghax ilhom u *"mhux fuqi lanqas"* (*a fol.* 181).

**Emanuel Xuereb** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 370 *et seq.*) fejn qal li huwa joqghod Blokk 6A, Flat 2, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Jghid li l-hsara li gratlu kienet f'kompjuter, *portable television*, *top-loader washing maching* u kif ukoll mutur tal-*freezer*. Jghid: *"Il-monitor bdiltu ghax dak inharaq l-iscreen, il-washing machine nghidlek il-verita' ma sewwejthiex ghax ghandi ohra automatic u dik ma gralha xejn, speci television ninqeda u l-freezer l-fridge freezer jigifieri l-fridge tajba u l-freezer ghandi chest freezer allura ma sewwejthiex"* (*a fol.* 370).

> Qorti: *"Issa kieku nsaqsik tghidli l-hsara li sofrejt kemm tiswa x'kienet?"*.
> Xhud: *"Ghandi mutur zgur tal-freezer u mutur tat-top loader"*.
> Qorti: *"Nahseb li naqblu li teccedi l-mitt lira Maltin (Lm 100)?"*.
> Xhud: *"U monitor 22 inch"* (*a fol.* 370-371).

In kontro-ezami jghid li l-*monitor* kien ilu ghandu erba' snin u li t-*top-loader* kienet ilha ghandu bejn tlitt jew erba' snin qabel l-incident. Jghid li t-*top-loader* kien xtraha Lm300. Fir-rigward tal-*fridge freezer* jghid li kien xtraha f'xi 1999 ghal madwar Lm275. Jghid: *"il-fridge ghadha tajba bhala fridge, il-mutur marrilha tal-friza jigifieri"* (*a fol.* 371).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2011, xehed ukoll **Ivan Sultana** (*a fol.* 183 *et seq.*) fejn qal li kemm ilu jsegwi lill-imputat gewwa t-Taqsima Forensika minkejja li fil-bidu l-imputat kien ftit rezisteni anke fuq il-

problemi tieghu stess, matul iz-zmien beda juri progress. Jixhed: *"fil-fatt llum il-gurnata hu jixtieq jimpenja ruhu fi program residenzjali"* (*a fol.* 183). Jghid li l-imputat qata' l-methadone u kif ukoll il-medikazzjoni li kien qed jiehu. Jghid li minn naha tas-Sedqa sar *assessment* u rrizulta li l-imputat jista' jaqbad u jidhol ladarba jinghata l-*go ahead* mill-Qorti.

**Ivan Sultana** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 284 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem mad-Dipartiment tal-*Probation and Parole*. Jghid li huwa beda jsegwi lill-imputat fit-23 ta' Novembru 2010 permezz ta' Ordni ta' Supervizjoni Provizorja. Jghid li l-imputat dahal program fi hdan is-Sedqa fit-12 ta' Mejju 2011 u hareg madwar xahar wara, fit-30 ta' Gunju 2011, peress li kellu xi problemi minhabba access lejn it-tfal. Jghid li l-imputat iddecieda minn jeddu li johrog. Jixhed li kull meta kellem lill-imputat fit-Taqsima Forensika, hu (Sultana) dejjem sab problema mieghu minhabba li kien hemm certu rezistenza minn naha tieghu. Jghid li sal-gurnata tallum l-imputat qata' kull kuntatt mas-Sedqa u mal-Caritas.

**Ivan Sultana** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 566 *et seq.*) fejn spjega li l-perjodu ta' l-Ordni Provizjorja ta' Supervizjoni fil-konfront tal-imputat jiddeskrivih bhala *roller coster*. Jghid li l-imputat l-ewwel wera rezistenza. Jispjega li mexxew kull darba li kien hemm il-Qorti. Jghid li l-imputat ghamel zmien imur is-Sedqa, imbaghad il-Caritas, bdew sessjonijijiet individwali, l-imputat kellu problema tad-droga, u dahal is-Shelter tal-Caritas. Pero' jghid li imbaghad l-imputat qata' l-kuntatt ma' kulhadd. Jghid li minkejja li kien jibghat l-ittri lill-imputat, l-imputat baqa' rezistenti. Jixhed li kien hemm perjodu fejn l-imputat ma segwiex id-direttivi li kien qed jigi moghti. Jghid: *"Jiena f'dan l-istadju l-pre-okkupazzjoni tieghi hija illi dan ir-ragel kien ha jmut u anke fejn jidhol xoghol"* (*a fol.* 567). Jghid li meta nstab xoghol lill-imputat, l-imputat ghamel zmien ma jmurx ghax-xoghol. Jghid: *"Jiena minn naha tieghi ezawrejt kull ma stajt biex sabiex hu jigi fuq saqajh"* (*a fol.* 567).

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk meta l-imputat hareg mill-program fis-sena 2011 kienx ikkonkluda l-program, wiegeb: *"Teknikament iva, teknikament le minhabba l-fatt li meta hareg hu kien mistenni li jmur ghall-individual session pero' dan naqas milli jaghmilhom"* (*a fol.* 568). Jghid: *"Jiena mhux qed nghid fl-elfejn u hdax (2011), jiena qed ninforma lill-Qorti llum il-gurnata minhabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni li hu qed juri f'dan iz-zmien mhux fl-elfejn u hdax (2011)"* (*a fol.* 568). Jghid: *"Jiena Sur Magistrat jien m'ghandi l-ebda problema li nkompli nsegwih, biss Gordon Grima irid jifhem illi dan jekk mhux ser izomm struttura f'hajtu kemm ta' impieg li jsib xoghol mit-Tnejn sal-Gimgha regolarizzat, kemm ta' Psikjatra wkoll li jzommhom, dan m'ghandux tip ta' struttura f'hajtu, f'illi l'hawn u f'illi l'hemm. Kemm ilni nsegwih qatt ma kien hemm"* (*a fol.* 568).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehed **Noel Muscat** (*a fol.* 218 *et seq.*) fejn qal li huwa *Senior Technical Officer* mal-Enemalta. Mistoqsi jghid x'kien l-involviment tieghu fl-incident tas-*sub-station* li gara fl-20 ta' Settembru 2010, jghid li ghall-habta tas-7.30pm cempillu l-*operator* li xi konsumaturi f'zona f'Bormla kienu qed jilmentaw li nharqulhom xi affarijiet. Jghid li hu mar fuq il-post u sab li xi hadd kien sgassa l-bibien tas-*sub-station*. Jghid li gew sgassati zewg serraturi u min dahal fis-*sub-staton* seraq l-*earth* u ghamel hsara fin-*neutral* u konsegwenza ta' hekk inharqu xi affarijiet u *appliances* lil certu konsumaturi li kienu jigu supliti minn dik is-*sub-station*. Mistoqsi jghid min kien irranga l-hsara l-kien hemm, jghid: *"Jiena kont bdejt parti minnha zghira imma imbaghad kien hemm inkjesta involuta u kien hemm tal-Forensic"* (*a fol.* 219). Jghid li hu kien involut fit-tiswija tal-*cables* biex jergghu jaghtu s-*supply* kif kien originarjament.

**Noel Muscat** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 272 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub jipprezenta l-materjal li ntuza rigward il-hsarat konnessi mas-*sub-station* in kwistjoni fl-20 ta' Settembru 2010. Jghid li ghandu l-ispiza tal-materjal u l-ispiza tal-*labour*. Jghid li b'kollox il-valur hu dak ta' €4980.19 u jispjega li dawn l-ispejjez gew inkorsi biex titranga l-hsara li kien hemm fis-*sub-station* imsemmija. Dan id-dokument gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "NM" (*a fol.* 278). Jghid li l-ispejjez

jinvolvu materjal u *overtime* ta' l-inginiera. Jghid li dawn hadimhom hu u jghid ukoll li ghandu *breakdown* ta' min kien involut u l-hinijiet. Ezebixxa bhala Dok. "NM 1" (*a fol.* 279) il-*workings* kollha ta' kif wasal ghas-somma ta' €3725.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehdet ukoll **Antoinette Mifsud Zahra** (*a fol.* 221 *et seq.*) fejn qalet li hija *Customer Care Co-Ordinator* mal-Enemalta. Mistoqsija tghid x'giet mitluba tezebixxi, wiegbet: *"Kemm kklemjaw nies fuq l-incident tal-20 ta' Settembru 2010 wara li nsteraq cable mis-sub-station taghna Bormla"* (*a fol.* 221). Tghid li ma ghandhiex l-ammont tal-*claims* peress li n-nies li ghamlu *claim* gew infurmati li l-Enemalta ma kienitx responsabbli peress li kien hemm terzi persuni nvoluti. Tghid li taf li kien hemm xi hadd li nharqitlu d-dar. Ezebiet id-dokument li xehdet fuqu li gie mmarkat bhala Dok. "MZ" (*a fol.* 224).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehed ukoll **Antoine Muscat** (*a fol.* 225 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Head of Claims* fl-Enemalta u li xoghlu huwa dak li jaghmel supervizjoni fuq il-*claims* li taghmel l-Enemalta. Jghid li ghaddewlu l-lista tas-sieghat li hadmu n-nies tal-Enemalta biex ghamlu tiswija f'San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Jghid li huwa hadem il-valuri tas-sieghat li gew €3725. Ezebixxa d-dokument li xehed fuqu li gie mmarkat bhala Dok. "AM" (*a fol.* 227).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011, xehed **Victor Cini** (*a fol.* 235 *et seq.*) fejn qal li huwa *Foreman* mal-Enemalta. Spjega kif fl-20 ta' Settembru 2010 kien gie mibghut jassisti lill-Inginier u *foreman* iehor peress li xi hadd kien dahal fis-*sub-station* f'Bormla u qata' xi *cables* tad-dawl bir-rizultat li gie kkawzat vultagg gholi u saru danni lill-persuni li kienu jiehdu d-dawl mis-*sub-station* in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011, xehed ukoll **Jean Pierre Peresso** (*a fol.* 245 *et seq.*) fejn spjega li fil-21 ta' Settembru 2010 kien gie mitlub ikompli jsewwi l-hsara li kienet dahlet bil-lejl fejn gew maqtughin xi *cables* tal-*earth* u n-*neutral*. Jghid li hu ma rax il-qtugh pero jghid li ma kienx hemm *neutral* u *earth*. Jghid li meta kien

prezenti fis-*sub-station*, il-*cables* ma kienux hemm. Jghid li ha hsieb li n-nies jergghu jinghataw id-dawl.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011, xehed ukoll **David Wright** (*a fol.* 248 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem fil-*mechanical workshop* tal-Enemalta. Jghid li xi hadd kien dahal go *sub-station* tal-Enemalta u kien hemm sgass fis-serratura liema serratura giet imhassra u kellha tigi trangata. Mitlub jghid kemm giet l-ispiza, jghid: *"Ma nafx ezatt imma ahna konna tlieta min-nies"* (*a fol.* 249).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011, xehed ukoll **Emanuel [Emilio] Catania** (*a fol.* 250 *et seq.*) fejn qal li joqghod Blokk 8, Flat 2, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Jispjega kif id-dawl kien tbaxxa u mbaghad nqata' u wara hafna hin id-dawl rega' gie. Jghid li cempel l-Enemalta u qalulu li f'kaz li kien ser ikollu hsara fl-*appliances* kellu jaghmel rapport lill-Pulizija. Jghid li meta gie d-dawl u pprova jhaddem il-*fridge* u l-*freezer* dawn ma kienux qed jahdmu. Jghid li ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u li gab *technician* u li kull ma kellu kienu zewg *fuses* u li ma kellux hsarat. Mistoqsi jghid kemm gewh bhala spejjez, jghid li mhux aktar minn €20.00.

**Emanuel [Emilio] Catania** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 379 *et seq.*) fejn qal li ma kellux ricevuti peress li kull ma kellu bhala hsara kienu l-*fuses* tal-plakka u t-*technician* li gab biddilhomlu. Jghid li l-ispejjez kienu minimi hafna.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011, xehdet ukoll **Francis Gatt** (*a fol.* 253 *et seq.*) fejn spjegat li fl-20 ta' Settembru 2010 marrilhom d-dawl f'daqqa u li d-dawl dam biex gie lura. Tghid li kien hemm riha ta' hruq li kienet gejja minn naha ta' fejn hemm il-*fridge* li tghid semghetha tfaqqa'. Tghid li meta gie lura d-dawl kellha s-segwenti affarijiet li ma kienux qed jahdmu: il-*fridge*, it-telefon, id-DVD u d-*decoder*. Mistoqsija tghid jekk ghandhiex xi ricevuti, wiegbet: *"Imma li ghandi jiena tad-DVD li ergajna xtrajna u tal-fridge, kelli xi hsarat, xi 70 Euro"* (*a fol.* 254). Ezebiet zewg ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "FG" (*a fol.* 256).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011, xehdet ukoll **Rosanne Cesare** (*a fol.* 257 *et seq.*) fejn spjegat li toqghod numru 71, Flat 2, Triq Santa Liena, Bormla. Tghid li f'Settembru 2010 kien mar id-dawl u meta l-ghada rega' gie ndunat li kienu marrulha s-segwenti affarijiet: *decorders* tat-televizjoni, zewg *televisions*, akwarju, pompa, l-i*speakers* tal-kompjuter u l-*playstation*. Tghid li ma tafx kemm jiswew b'kollox dawn l-affarijiet. Tispjega li sewwiet xi affarijiet pero mhux kollox. Tghid li l-affarijiet kienet ghadha kemm ghamlithom sentejn qabel. Mistoqsija tghid jekk ghandhiex ricevuti, tghid: *"Kull m'ghandi tal-machine u sewwew Playstation"* (*a fol.* 258). Mistoqsija tghid jekk xi hadd ghamlilhiex kalkolu kemm jiswew l-affarijiet, tghid: *"Iva l-Ghassa kienu staqsewna u ghidnilhom"* (*a fol.* 258). Ma tiftakarx kemm. Ezebiet ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "RC" (*a fol.* 261).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2012, xehed **Reuben Cutajar** (*a fol.* 339 *et seq.*) fejn qal li huwa addett mas-Sedqa u li jsegwi lill-imputat darba f'gimgha u fl-istess hin l-imputat qed jahdem aktar fuq il-*feelings* tieghu. Jghid: *"[l-imputat] qed jahdem aktar fuq l-identita' tieghu biex hu jifhem aktar id-decizjonijiet biex jittiehdu aktar, fil-futur meta jispicca l-program ikun aktar sod fuq aktar decizjonijiet anke wkoll fuq id-drug addiction"* (*a fol.* 339). Jghid li ilu jsegwi lill-imputat mill-inqas sena u mistoqsi jghid jekk rax kambjament, wiegeb: *"Il-bidla hija kbira jigifieri, anke meta s-sena l-ohra kien dahal il-program id-decizjoni ma kienitx daqshekk soda tieghu, fil-fatt illum il-fatt li huwa qieghed jippartecipa u qed ihalli lill-istaff, in-nies ta' madwaru jisma' minnhom, dik qed taghmel differenza kbira"* (*a fol.* 340).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, xehdet **Alexandra [Sandra] Vassallo** (*a fol.* 368 *et seq.*) li tghix f'Blokk 6a, Flat 6, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Tghid li madwar tliet snin qabel kienet qieghda fil-kcina u rat id-dawl *"jilghab"* u f'daqqa wahda mar it-televizjoni tal-kcina u nharaq. Tghid li rat dahna barra u meta marret ghand ommha rat id-dar ta' ommha taqbad. Tixhed: *"Jiena bhala hsara kull ma marli t-television portable, is-surround is-sound tieghu u fridge kont ghadni qed nixtriha, tliet xhur kienet ilha ghandi u marritli"* (*a fol.* 369). Tghid li ghandha biss ricevuta tal-*fridge* u tal-ohrajn m'ghandhiex.

**Alexandra [Sandra] Vassallo** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' April 2014 (*a fol.* 526 *et seq.*) fejn xehdet fuq l-istess linji meta xehdet fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013. Tghid li l-*fridge* sewwietha pero ma ghandhiex ricevuta. Tghid li ma ghandhiex idea kemm gietha biex issewwieha. Tghid li s-*surround* u t-televizjoni ramiethom u minn flokhom xtrat ohrajn godda. Tghid li ma tafx ezatt kemm nefqet biex xtrathom pero tghid li l-*fridge* wahidha kienet €1000.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-*fridge* kienet ilha ghandha tliet xhur u l-ohrajn kienu ilhom ghandha xi tmintax (18) il-sena u kienu ghadhom tajbin. Tghid li ma ghandhiex ricevuti.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Peter Muscat** (*a fol.* 373 *et seq.*) li jghix 3, Fuq San Pawl, Bormla. Mistoqsi jghid meta sofra xi hsarat f'xi *appliances* tad-dar tieghu, wiegeb li minn ghalih kien f'Settembru u mistoqsi ta' liema sena, wiegeb: *"Ma nafx l-2009 kien?"* (*a fol.* 373). Jghid mar id-dawl u rega' gie u sofra hsara f'zewg *televisions*. Jghid li dawn kien xtrahom ghal madwar €250 ghat-tnejn li huma. Jghid li ma ghandux ricevuti peress li kienu ilhom ghandu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li t-*televisions* ma sewwiehomx pero xtara tnejn ohra. Mistoqsi jghid jekk kienux kbar, jghid: *"Kienu naqra kbar hu!"* (*a fol.* 374). Jghid li kellhom naqra zmien u mistoqsi jghid jekk ghandux interess, wiegeb li ma ghandux.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013, xehdet **Amanda Azzopardi** (*a fol.* 381 *et seq.*) li toqghod f'Blokk 67, Flat 7, Triq Santa Liena, Bormla. Tghid li gratilha hsara fit-televizjoni u fir-*surround* u li mentri rrangat it-televizjoni, giet infurmata li s-*surround* ma kienx jitranga. Tghid li mentri s-*suround* ma tafx kemm xtratu, it-televizjoni xtratu €400 pero biex irrangatu gieha €80 biss. Tghid li ramiet r-ricevuti.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid kemm kienu ilhom ghandha dawn l-affarijiet tghid li kwazi tlett snin. Tghid li kienet xtrathom godda.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Antoinette Borg** (*a fol.* 383 *et seq.*) li toqghod f'Blokk 5, Flat 6, Triq Mariano Gerada, Bormla. Tghid li nharqulha d-DVD, *air-conditioners*, il-*microwave* u l-*hood*. Tghid li l-*hood* kien ghadu bil-garanzija u sewwietu. Tispjega li meta hadet il-kompjuter biex jissewwa qalulha li ma kienx *worth it*. Tghid li qalulha li kienu marrulha t-*transformers* u ezebiet ricevuti tal-*air-conditioners*, *microwave* u tad-DVD liema ricevuti gew immarkati bhala Dok. "AB" (*a fol.* 386). Tispjega li dawn l-affarijiet kienet xtrathom hi u kienu ilhom ghandha madwar tlett snin.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-*air-conditioners* kienu ilhom hemm madwar sena biss. Tiddeskrivi li ghall-habta tas-6.00pm-s-6.30pm beda jteptep id-dawl u wara mar ghal kollox. Tghid li rat dahna fil-kamra tat-tifel u l-kompjuter ma baqghax jixghel.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **John Debono** (*a fol.* 387 *et seq.*) li joqghod Flat 3, Blokk 67, St. Helen Street, Bormla. Jghid li giet kagunata hsara f'zewg *televisions*, radju, *switch* tal-*main* u accessorji ohra, bhal qanpiena ta' barra u bozoz ta' gewwa. Jghid li l-affarijiet ma kienx xtrahom hu peress li kienu lesti fil-flat. Fir-rigward tat-*televisions* jghid li xtrahom hu. Jghid: *"Kelli wiehed Grundig kien mill-godda kien hames mija u xi haga. U kelli iehor insomma, kien xi erba' mija u xi haga ta' qabel jigifieri"* (*a fol.* 387). Jghid li dawn sewwiehom. Mistoqsi jghid jekk ghandux xi ricevuti tat-tiswijiet li ghamel, wiegeb li dak li kellu tahom lill-Pulizija tal-Ghassa ta' Bormla.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk iz-zewg *televisions* li semma fix-xhieda tieghu kellhomx aktar minn ghaxar snin fuqhom, wiegeb: *"Nahseb iva mela"* (*a fol.* 388).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Gertrude Galea** (*a fol.* 390 *et seq.*) li toqghod 67, Flat 6, St. Helen Street, Bormla. Mistoqsija tixhed rigward x'gara u xi hsara sofriet fl-20 ta' Settembru 2010, wiegbet li kien mar id-dawl f'hin li hi ma kienitx id-dar u sabet it-televizjoni ma jahdimx. Tghid li dan it-televizjoni

kien ilu ghandha sena u li sewwietu u hallset €250. Ipprezentat ricevuta li giet immarkata bhala Dok. "GG" (*a fol.* 392).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Carmela Busuttil** (*a fol.* 393 *et seq.*) li toqghod Blokk 10, Flat 4, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsija tghid xi hsara sofriet fl-20 ta' Settembru 2010, wiegbet: it-televizjoni u t-telefon. Tghid li dawn l-affarijiet ma sewwiethomx pero tghid li ramiethom. Tghid li t-televizjoni kienet xtratu Lm700 u kien ilu ghandha tmien snin. Fir-rigward tat-telefon tghid li dan kien tat-Telecare u mistoqsija tghid kemm xtratu, tghid: *"Jaghtuwulek huma dak"* (*a fol.* 393).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Joseph D'Anastas** (*a fol.* 395 *et seq.*) li joqghod Blokk 10, Flat 6, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid xi hsara kien sofra fl-20 ta' Settembru 2010, wiegeb, li milli jiftakar, kellu hsara fil-*fridge*, fil-*freezer*, fl-*air-conditioner*, f'zewg radji, fit-telefon, u fil-kompjuter. Mistoqsi jghid jekk sewwiex dawn l-affarijiet, wiegeb fin-negattiv u jghid li xtraw ohrajn godda. Ezebixxa bhala Dok. "JD" (*a fol.* 398) ricevuti tal-affarijiet li saret il-hsara fihom u bhala Dok. "JD 1" (*a fol.* 399) ricevuta tal-affarijiet li xtara biex ibiddilhom. Mistoqsi jghid kemm kienu ilhom ghandu l-affarijiet li nharqulu, jghid li ma jiftakarx ezatt pero jahseb li kienu ilhom ghandu sitt–seba' snin.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk qabel biddel dawn l-affarijiet huwa ccekkjax jekk kienux jissewwew, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li tal-Enemalta ddikjara li ma kienux tajbin u gie nfurmat biex jarmihom. Jghid li l-*freezer* kienet mimlija laham u hut u li kellu jintrema' kollox li kien hemm fiha

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Carmen Paretti** (*a fol.* 400 *et seq.*) li toqghod 69, Flat 1, Triq Santa Liena, Bormla. Mistoqsija tghid xi hsara kienet sofriet fl-20 ta' Settembru 2010, wiegbet: zewg *televisions*, it-telefon, il-*hood* u l-*washing machine*. Tghid li dawn l-affarijiet ma sewwiethomx ghax meta gabet l-*electrician* qalilha li setghet tarmi kollox. Tghid li marret l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla u tathom xi ricevuti.

In kontro-ezami tghid li t-*televisions* kienu ilhom ghandha iktar minn ghaxar snin u li l-*washing machine* u l-*hood* lanqas kienu ilhom ghandha hames snin. Tixhed li hija xtrat il-*washing machine* peress ma setghetx toqghod minghajrha.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2013, xehed **Emanuel Leone Ganado** (*a fol.* 407 *et seq.*) li joqghod Blokk 9, Flat 2, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienitx gratlu xi hsara fir-residenza tieghu, jghid: *"fil-modem, fil-cordless u fir-radio"* (*a fol.* 407). Mistoqsi jghid kemm kien xtrahom jghid madwar €100. Mistoqsi jghid ukoll kemm kienu ilhom ghandu, wiegeb: *"Kienu ilhom daqxejn"* (*a fol.* 407). Jghid li dawn l-affarijiet biddilhom u li ma ghandux ricevuti.

In kontro-ezami jghid li l-*modem* kien tal-Melita u jahseb li ma hallas xejn tieghu. Jghid li l-*cordless* kien ilu ghandu erba' snin u li ma jafx kemm kien ilu ghandu r-radju.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2013, xehdet ukoll **Censina Cutajar** (*a fol.* 409 *et seq.*) li toqghod 1, Sur San Pawl, Bormla. Mistoqsija tghid jekk tiftakarx li kienet gratilha xi hsara fid-dawl jew f'xi haga, wiegbet: *"Iva kien marli l-geyser, it-television u stereo"* (*a fol.* 409). Ma tiftakarx kemm kienet xtrathom peress li tghid li kienu ilhom ghandha. Tghid li ma ghandhiex ricevuti. Tghid li t-televizjoni kien wiehed 24 *inch* mill-antiki. Fir-rigward tal-i*stereo* tghid li dan kien miz-zghar. Ma tafx kemm kien kbir il-*geyser*.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013, xehdet **Teresa Bongailas** (*a fol.* 419 *et seq.*) li toqghod Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 (data msemmija minn spettur) kienitx sofriet xi hsara f'xi *appliances*, wiegbet fl-affermattiv u qalet: *"fil-kompjuter u bozoz"* (*a fol.* 419). Tghid li dan gara ghax qatghu l-*cable* tad-dawl. Tghid li l-kompjuter kien ilu ghandha. Mistoqsija tghid jekk sewwietx l-affarijiet, wiegbet li dawn ma kienux jissewwew u b'hekk ramiethom. Tghid li l-affarijiet li gratilha l-hsara fihom kienet xtrathom hi u ma tiftakarx kemm kienet xtrathom peress li kienet ilha li xtrathom.

In kontro-ezami mistoqsija tghid jekk ghandhiex xi ricevuti, wiegbet fin-negattiv. Tghid li kienu ilhom ghandha erba' jew hames snin.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013, xehdet ukoll **Maria Sultana** (*a fol.* 421 *et seq.*) li toqghod Blokk 3, Flat 5, Triq San Mikiel, Bormla. Mistoqsija tghid jekk sofrietx xi hsara f'xi haga fl-20 ta' Settembru 2010, wiegbet fil-kompjuter. Tghid li l-kompjuter ma sewwietux pero kellha tixtri iehor gdid. Ezebiet ricevuta tal-kompjuter il-gdid li giet immarkata bhala Dok. "MS" (*a fol.* 423). Ma ghandhiex amment kemm kienet xtrat il-kompjuter li ramiet u tghid li dan kien ilu ghandha madwar sentejn – tlitt snin.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2013, xehed ukoll **Emmanuel Mifsud** (*a fol.* 424 *et seq.*) li joqghod Blokk 3, Flat 4, Entrance 67, St. Helen Street, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx sofra xi hsara f'xi *appliances*, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li kellu hsara fir-*radio-alarm clock* tad-ditta Roadstar, radju iehor ta' l-injam tal-istess ditta u kif ukoll *video-cassette* Fisher, li jghid li kien ilu mixtri. Jghid li dawn l-affarijiet ma sewwiehomx pero biddilhom. Ipprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. "EM" (*a fol.* 426).

In kontro-ezami jghid li mentri l-*video* kien ilu ghandu ghaxar snin, l-ohrajn kienu ilhom ghandu anqas minn erba' snin.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehed **Anthony Gerald Scinto** (*a fol.* 438 *et seq.*) li joqghod Aurora Court, Flat 7, Triq Dun Salv Sciberras, Zabbar. Jghid li kien joqghod fi Triq Santa Liena, Bormla u li dakinhar tal-akkadut kellu xi affarijiet li nharqu wara li kien nqata' d-dawl. Jghid li l-affarijiet li gratlu hsara fuqhom kienu s-segwenti: *"television, X box, u nsejt xi haga ohra, kelli xi oggett iehor"* (*a fol.* 438). Jghid li dawn l-affarijiet ma rrangahomx. Jghid li ma ghandux ricevuti. Jixhed li l-affarijiet il-godda gewh madwar €300-€400.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li mentri l-X box kienet ilha ghandu tlett xhur, it-televizjoni kien ilu madwar sentejn. Jghid li t-televizjoni li xtara kien wiehed *second-hand*.
Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehdet ukoll **Margaret Fiorini** (*a fol.* 441 *et seq.*) li toqghod 67, Flat 5, St. Helen Street, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralha hsara f'xi affarijiet, wiegbet fl-affermattiv u qalet li dawn kienu t-televizjoni, d-DVD u l-*washing machine*. Mistoqsija tghid jekk tafx biex grat din il-hsara, wiegbet: *"Kienu qalu li serqu xi ram"* (*a fol.* 441). Tghid li kien inqata' d-dawl u li l-affarijiet li semmiet gew trangati. Tghid li ricevuti ma ghandhiex pero tispjega li biex gew trangati gew madwar €70.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehed ukoll **John Grech** (*a fol.* 443 *et seq.*) li joqghod Blokk 71, Flat 4, St. Helen Street, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 gratlux xi hsara f'xi affarijiet, wiegeb fl-affermattiv u jghid li gratlu hsara fis-segwenti: *fridge*, *switches* mill-*fridge*, arloggi u radju. Jghid li l-hsara gie kagunata minhabba qtugh ta' dawl u li l-affarijiet sewwiehom. Jghid li biex sewwiehom nefaq madwar €70 u li ma ghandux ricevuti.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehed ukoll **Carmel Micallef** (*a fol.* 445 *et seq.*) li joqghod Blokk 7B, Flat 4, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 gratlux hsara f'xi affarijiet, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li gratlu hsara fil-*microwave*, televizjoni u l-*intercom*. Mistoqsi jghid jekk sewwiex dawn l-affarijiet, wiegeb: *"Bicciet minnhom sewwejthom ehe"* (*a fol.* 445). Ezebixxa ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "CM" (*a fol.* 447a).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehdet ukoll **Ruth Spiteri Bongailas** (*a fol.* 448 *et seq.*) li toqghod Blokk 3, Flat 6, gewwa Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 hi sofrietx xi hsara, wiegbet fl-affermattiv u qalet li sofriet hsara fl-*air-conditioner*, fir-*reverse osmosis* u fil-kompjuter. Tghid li kien hemm xi hsara fis-*sub-station*. Tghid ukoll li sewwiet l-affarijiet u wara tghid li kellha tixtri kompjuter gdid peress li ma kienx jaqblilha ssewwieh.

Ezebiet ricevuta tal-*air-conditioner* fl-ammont ta' €744 li turi kemm xtratu. Tghid li ghandha ricevuta ta' meta xtrat il-kompjuter l-antik u kemm kellha tixtri l-gdid. Tixhed li l-*filter* tal-ilma xtratu €685. Ezebiet dawn r-ricevuti kollha li gew immarkati bhala Dok. "RSB" (*a fol.* 450a).

In kontro-ezami mistoqsija tghid jekk ghandhiex ricevuti biex irrangathom, wiegbet: *"Tar-reverse osmosis dik irnexxieli ngibha zewg mal-kumpanija u ghamluwuli huma b'xejn"* (*a fol.* 449). Tghid: *"Il-kompjuter kelli nixtrih u ghandi l-ircevuta kemm xtrajtu u l-air conditionet xtrajt part, gibtha minn barra u kemm wahluwieli biss. Dik eighty (80) Euros biss"* (*a fol.* 450).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehdet ukoll **Sylvana Bongailas** (*a fol.* 451 *et seq.*) li toqghod Flat 2, Blokk 6, Triq San Mikiel, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 hi sofrietx xi hsara, wiegbet fl-affermattiv u qalet li sofriet hsara fil-*fridge*, fil-kompjuter, f'zewg *televisions* u fis-satellita. Tghid li dawn gralhom il-hsara meta nqata' d-dawl. Mistoqsija tghid jekk ghandhiex ricevuti, tghid li ghandha ricevuta ta' meta sewwiet id-*dish* li jiswa €31. Tghid li t-televizjoni ma jissewwiex u minkejja li hallset €50, kellha tixtri iehor gdid. Tghid li ma ghandhiex ricevuta tat-televizjoni. Fir-rigward tal-kompjuter tghid li gieha 885 ghax kellha tixtri wiehed gdid. Ezebiet ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "SB" (*a fol.* 453a).

In kontro-ezami mistoqsija tghid jekk dawn l-affarijiet kienux ilhom ghandha, wiegbet: *"Television minnhom – aw, il-computer ehe kien ilu naqra. U t-television ukoll"* (*a fol.* 452). Tghid li kienu ilhom ghandha sentejn jew tlett snin. Tghid li d-dish qalaghtu bhala rigal fil-Milied u tghid li forsi ghamel sentejn.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehed ukoll **John Pisani** (*a fol.* 454 *et seq.*) li joqghod Blokk 7a, Flat 7, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 hu sofriex xi hsara f'xi affarijiet, wiegeb fl-affermattiv u qal li marlu t-televizjoni. Mistoqsi jghid kif mar, wiegeb: *"Kienu qalu li ghola d-dawl f'daqqa. […] U mbaghad skoprew li kien hemm xi haga"* (*a fol.* 454). Jghid li t-televizjoni kien xtrah *second-hand* u jghid: *"kienu tawuli lili, kont*

*qlajtu"* (*a fol.* 454). Jghid li ma jafx kemm kien jiswa. Aktar tard jispecifika li tawhulu. Jghid li t-televizjoni ma sewwiehx.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehdet **Maria Melissa Muscat** (*a fol.* 464 *et seq.*) li toqghod 8, Sur San Pawl, Bormla. Mistoqsija tghid jekk kellhiex xi incident li kien jinvolvi xi qtugh ta' dawl, wiegbet fl-affermattiv. Tghid li meta gara dan il-kaz hija kienet qed tuza l-*blow-dry* u rat it-televizjoni jintefa', l-*air-conditioner* kien qed jahdem u nqata' u gratilha l-hsara. Mistoqsija tghid fiex kellha hsara, tghid: *"l-air-conditioner, zewg (2) televisions, fan, hair dryer u lanqas niftakar kollox"* (*a fol.* 465). Tghid li regghet xtrathom u hallsithom. Tghid li l-antiki gewha aktar gholjin u tghid li gewha Lm2700. Fir-rigward tal-godda, tghid: *"l-air conditioner hadtu elf u erba' mitt Euro (€1,400), t-television wiehed hadtu four hundred Euros (€400) u l-iehor hadtu madwar two hundred Euros (€200). Il-bqija l-affarijiet iz-zghar ma niftakarx bhal hair dryer u hekk"* (*a fol.* 465).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehdet ukoll **Mary Ciantar** (*a fol.* 467 *et seq.*) li toqghod Mariano Gerada, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralha xi incident fid-dar fejn toqghod rigward xi dawl, wiegbet li kienet qed tahsel u tnixxef il-hwejjeg bit-*tumble dryer* u f'daqqa wahda mar id-dawl. L-ewwel tghid li ma gratilha ebda hsara imbaghad tghid li sewwiet it-televizjoni u li t-*tumble dryer* ma sewwiethiex ghax kienet tahli hafna u li xtrat *washing machine* ohra. Tghid li biex issewwi t-televizjoni hallset madwar €15. Tghid li ma tiftakarx kemm kienet xtrat it-*tumble dryer*. Fir-rigward tal-*washing machine*, tghid li ma tafx kemm kienet xtratha u tghid ukoll li din kienet waslet biex tinbidel. Tghid li l-gdida xtratha mitejn u xi haga Euro.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehed ukoll **Carmel Camilleri** (*a fol.* 469 *et seq.*) li joqghod 7, Sur San Pawl, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralu xi haga fid-dawl fid-dar tieghu, wiegeb li kienet gratlu hsara fil-*fridge*, fit-televizjoni, u fil-*washing machine* li kienet *automatic*. Jghid li ma kienx sewwiehom u li kien xtara ohrajn godda li gew jiswewh f'daqqa €1100. Mistoqsi jghid kemm kienu gew jisweh l-antiki, wiegeb: *"Dak iz-zmien ma kienux iqumu hafna, hafna"* (*a fol.* 469).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehdet ukoll **Mary Magro** (*a fol.* 471 *et seq.*) li toqghod Blokk 71, Flat 1, St. Helen Street, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx inqatalha d-dawl, wiegbet fl-affermattiv. Tghid li gratilha hsara fis-segwenti: *"dik li taghmel ic-chips fiha u l-affarijiet ic-chip pan, il-hadida bil-boiler tal-moghdija u l-din li taghmel it-toast"* (*a fol.* 471). Tghid li dawn l-affarijiet ma baqghux jahdmu u li ma sewwiethomx. Tghid ukoll li ma biddlithomx u li ma tiftakarx kemm xtrathom u li ramiet ir-ricevuti. Tghid li, sa fejn taf hi, il-hadida tal-moghdija xtratha Lm45 u c-*chip pan* xtratha Lm25.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehed ukoll **Julian Borg** (*a fol.* 473 *et seq.*) li joqghod Blokk 6b, Flat 4, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk kellux xi incident fejn kellu xi qtugh ta' provvista tad-dawl, wiegeb fl-affermattiv. Ma jafx meta gara dan. Jghid li f'hin minnhom mar id-dawl u beda l-hruq. Jghid li nharaq it-televizjoni, il-kompjuter u t-*transformer*. Jghid li dawn l-affarijiet kien xtrahom hu u jghid li spiccaw ma jahdmux u li ma sewwiehomx. Ezebixxa dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JB" (*a fol.* 475 *et seq.*) u "JB 1" (*a fol.* 478 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehdet ukoll **Josephine Gatt** (*a fol.* 480 *et seq.*) li toqghod Blokk 7b, Flat 5, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralha xi haga fid-dawl, wiegbet fl-affermattiv u tghid li kienet gratilha hsara fit-televizjoni, fit-telefon, u fir-radju. Tghid li t-televizjoni ma sewwietux peress li kien bil-garanzija peress li kienu ilu ghandha tliet xhur biss, ir-radju taha wiehed binha u regghet harget it-telefon l-antik.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehed ukoll **Carlo Xuereb** (*a fol.* 482 *et seq.*) li joqghod Blokk 6b, Flat 5, Pjazza Toni Coleiro, Bormla. Mistoqsi jghid jekk xi darba nqatalghux id-dawl u sofriex xi hsara, jghid li sofra hsara fis-*sound system* tal-kompjuter. Jghid li kellu jixtri iehor gdid u jghid li biex xtrah kien nefaq €335. Jghid li ma jiftakarx kemm kien xtara l-antik.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014, xehed **Joseph Bugeja** (*a fol.* 489 *et seq.*) li joqghod Blokk 6b, No. 3, Tony Coleiro, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralu xi haga fid-dawl, jghid li nqata' d-dawl u li kienet gratlu hsara fil-*washing machine* u fil-*fridge*. Jghid li biddilhom u xtara ohrajn godda. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx kemm kien xtara dawk li gratilhom il-hsara fihom u jghid li ramiehom.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **Joseph Formosa** (*a fol.* 491 *et seq.*) li joqghod Blokk 6b, Flat 1, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienitx gratlu xi hsara b'xi dawl, wiegeb fl-affermattiv u jghid li mar id-dawl u meta gie lura t-televizjoni ma xeghelx. Jghid li ma sewwiex dan it-televizjoni u li ma jiftakarx kemm kien xtrah. Jghid li ma biddlux. Jixhed li kien ilu ghandu madwar tliet jew erba' snin.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **Pawlu Muscat** (*a fol.* 493 *et seq.*) li joqghod Blokk 7b, Flat 2, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienitx gratlu xi hsara fid-dar tieghu, wiegeb fl-affermattiv u qal li kien hemm *surge* tad-dawl u nharqulu xi affarijiet. Jghid li dawn kienu: *"fridge, television, mobile, xi seba' affarijiet ohrajn, toaster min ghalija, jekk niftakar sewwa, ghax insejt hafna minnhom, kienu gew il-Pulizija d-dar u kont tajthom l-ircevuti u kollox"* (*a fol.* 493). Jghid li ma ghandux idea kemm kienu gewh biex jixtrihom pero jghid li l-*fridge* rrangaha u minn ghalih li gietu €100. Jghid li l-affarijiet l-ohra ramiehom. Jghid li xtara televizjoni iehor u li ma jafx kemm nefaq.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014, xehdet ukoll **Salvina Degiorgio** (*a fol.* 495 *et seq.*) li toqghod Blokk 6a, Flat 9, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralha xi haga fid-dawl fid-dar taghha, wiegbet fl-affermattiv u tghid li kien mar id-dawl u spiccat bi hsara fit-televizjoni u l-qanpiena. Tghid li sewwiet dawn l-affarijiet.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **Charles [Carmelo] Diacono** (*a fol.* 497 *et seq.*) li joqghod Blokk 9, Flat 6, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx

gralu xi haga fid-dar tieghu u saritlux xi hsara, wiegeb fl-affermattiv u jghid li kellu l-*fridge* bil-hsara u li din irrangaha. Jghid li din gralha l-hsara ghax inqata' d-dawl. Jixhed li kellu hsara wkoll fl-i*spin dryer* li ramieha ghax kienet qadima u zewg fannijiet. Ikkonferma li kien sewwa l-*fridge* u mistoqsi jghid kemm swietu biex sewwieha, wiegeb li kienu affarijiet zghar. Mistoqsi jghid kemm, bejn wiehed u iehor, wiegeb: *"Jigifieri hemm xi sittin (60), mija u sebghin (170) u tal-fannijiet kont armejthom"* (*a fol.* 498). Jghid li kien ta r-ricevuti lil tal-Kunsill.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2014, xehdet **Mary Grace Grech** (*a fol.* 519 *et seq.*) li toqghod Blokk 8, Flat 3, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralha xi haga fid-dar, wiegbet li kienu marrulha xi *loudspeakers* tal-kompjuter u kif ukoll il-kompjuter u l-*microwave*. Tghid li nqata' d-dawl. Mistoqsija tghid kemm kienet nefqet biex xtrathom, tghid: *"Jien z-zmien ghadda sewwa"* (*a fol.* 520) u tghid li kienu gew madwar €150. Tghid li ma ghandhiex ricevuti.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2014, xehdet ukoll **Carmen Gatt** (*a fol.* 521 *et seq.*) li toqghod Blokk 7b, Flat 8, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralha xi haga fid-dar taghha, wiegbet fl-affermattiv u tghid li kienet qed tara t-televizjoni u rat hafna dawl qawwi u t-televizjoni mar. Tghid li ma tiftakarx kemm kienet xtratu t-televizjoni. Tixhed li ma sewwietux u li spiccat ramietu. Tghid li kien hemm hsara wkoll fil-*lift* tal-blokka tal-flattijiet u kif ukoll fl-ID *caller*. Tghid li xtrat televizjoni iehor u ma tafx kemm gie jiswa peress li xtrawh it-tfal.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li t-televizjoni ma tantx kien ilu ghandha. Mistoqsija tghid jekk it-televizjoni kienx ilu ghandha hames jew sitt snin, wiegbet: *"Nahseb xi haga hekk hu"* (*a fol.* 522).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2014, xehed ukoll **Francis Spiteri** (*a fol.* 524 *et seq.*) li joqghod Blokk 9, Flat 5, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx inqalalu xi haga d-dar, jghid li ma ghandux idea meta gara pero jaf li hargu l-isparks minn gol-plakek. Jghid li kellu l-*air-conditioner* mixghul u ntefa'.

Jghid li kellu hsara fis-segwenti: fl-*air-conditioner* u fil-plakek. Jghid: *"Ara l-plakek kienu affarijiet zghar, pero' mbaghad l-air-conditioner kien gie bniedem kien talabni hafna flus xi three hundred Euro (€300) u ma ghamiltux. Imbaghad kont gibt lil xi hadd iehor u seta' jirranga' u rrangali b'xi forty-five Euros (€45)"* (*a fol.* 525).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2014, xehdet ukoll **Josette Schembri Vella** (*a fol.* 528 *et seq.*) li toqghod il-Mellieha. Tghid li ghandha ufficcju fi Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralha xi haga, wiegbet li kien inqata' d-dawl u tghid li kien gralha hsara fis-segwenti: *"Yes xi computer tower, xi transformers tad-dawl, xi haga fis-server li rrangajna ovvja ghall-computer u xi air-conditioning li ma rranganjihiex ghax it wasn't worth it"* (*a fol.* 528). Tghid li ma tafx kemm kienet il-hsara peress li l-ufficcju ma sabux il-karti. Tghid li t-*tower* u s-*server* kienu gew rrangati. Tixhed li gewha madwar €400 biex tirrangahom. Tghid li l-*air-conditioner* ma giex trangat u ma giex mibdul.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2014, xehed **Raymond Gatt** (*a fol.* 536 *et seq.*) li joqghod Marsascala. Jghid li ghandu stamperija bl-isem ta' Sunland Printers go Bormla. Mistoqsi jghid jekk xi darba nqalax incident ta' elettriku f'Bormla, wiegeb li dak li kellu pplakkjat inharaqlu. Jghid li kellu l-*fax* u s-sistema tat-telefon *cordless* li nharqitlu. Jghid li ghandu makkinarju li ma jissewwiex. Jghid li l-kumpanija RV Electronics Ltd ghamlet *damage assessment* fuq l-affarijiet li kellu l-hsarat fihom. Jghid li rranga l-affarijiet u li kien lest li jahfer lil min ghamillu din il-hsara. Jghid li ghadu ma rrangax il-*fax* u li xtara telefon iehor. Ezebixxa d-dokument li gie mhejji minn RV Electronics li gie mmarkat bhala Dok. "RG" (*a fol.* 539).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Awwissu 2014, xehed **Paul Bonnici** (*a fol.* 550 *et seq.*) li joqghod Blokk 6a, Flat 1, Triq Maria Concetta Mintoff, Bormla. Mistoqsi jghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 gralux xi hsara, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li kien inqata' d-dawl u wara li mar id-dar sab li kellu hsara fit-televizjoni u fil-*microwave*. Jghid li kellu hafna affarijiet imqabbdin mal-plakka. Semma wkoll *cordless* u l-PSP tat-tifel. Jghid l-affarijiet inharqu u li biddel dawn l-affarijiet.

Mistoqsi jghid kemm kienu jiswew l-affarijiet li nharqu, jghid li l-fuq minn €1000. L-ewwel jghid li ghandu ricevuti pero jghid li ma jafx ezatt fejn jinsabu u aktar tard jghid li dawn ma ghadhomx ghandu. Jghid li l-affarijiet kien xtrahom godda.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Awwissu 2014, xehdet ukoll **Joanne Camilleri Pesci** (*a fol.* 553 *et seq.*) li toqghod Entrance 5, Flat 4, Triq Mariano Gerada, Bormla. Mistoqsija tghid jekk fl-20 ta' Settembru 2010 kienx gralha xi hsara, wiegbet fl-affermattiv. Tghid li nqata' d-dawl u marrulha hafna affarijiet. Tghid li kellha hsara f'zewg *televisions*, fis-*sub-woofer*, fic-*chargers* tal-*mobile*, fil-*cordless*, u kif ukoll fil-*hoover*. Tghid li uhud minn dawn l-affarijiet sewwiethom pero bhal *cordless* u s-*sub-woofer* kellha tixtri ohrajn. Mistoqsija tghid jekk ghadx ghandha ricevuti tal-affarijiet li nharqulha, wiegbet fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "AP 1" - *a fol.* 31 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Fleri, liema stqarrija giet rilaxxata fl-24 ta' Settembru 2010 wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "AP" – *a fol.* 30) l-imputat qal li ghandu bzonn min jghinu biex il-quddiem ikun jista' jitkellem kif inhuma l-affarijiet. Jikkonferma li ghandu problema ta' droga pero jghid li mhux jiehu droga. Jichad li kellu xi involviment in konnessjoni ma' serq ta' *cables* li nsterqu mis-*sub-station* tal-Korporazzjoni Enemalta fi Triq Santa Liena, Bormla. Jghid li huwa qatt ma dahal fis-*sub-station* imsemmija. Mistoqsi jghid kif jispjega li tlett impronti li nstabu fuq ix-xena tad-delitt huma tieghu, wiegeb: *"Ma nistax nwiegeb ghalissa ghaliex nixtieq inkellem psikjatra ghalissa"* (*a fol.* 32). Mitlub jikkonferma li l-*cable* li huwa qata' minn gewwa s-*sub-station* poggiehx fil-vettura Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni IAM 484, jghid: *"Le ma ghabbejtx fil-Fiat"* (*a fol.* 32). Mistoqsi jghid fejn ha l-*cable* li qata' mis-*sub-station*, wiegeb: *"Ghalissa ma nwegibx"* (*a fol.* 32). Mistoqsi jghid jekk kienx wahdu meta mar jaqta' l-*cables* mis-*sub-station* imsemmija, wiegeb: *"Le ma nwegibx. Jien nixtieq nkellem psikjatra"* (*a fol.* 32).

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li fl-20 ta' Settembru 2010 ghall-habta tas-7.00pm kien dahal rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla li kien hemm *surge* ta' dawl f'certu residenzi f'Bormla bil-konsegwenza li numru ta' affarijiet fosthom *appliances* li kien hemm go dawn id-djar ma baqghux jahdmu u fejn wahda mir-residenza sfat b'nar estensiv fiha. Jinghad li kien hemm sgass u serq f'*sub-station* li tinsab fi Triq Santa Liena, Bormla. Irrizulta li mis-*sub-station* imsemmija gie misruq l-*earth* u saret hsara fin-*neutral* u li b'konsegwenza ta' hekk inharqu diversi affarijiet u *appliances* lill-konsumaturi li jigu supliti mis-*sub-station* in kwistjoni. Eventwalment, l-imputat gie akkuzat b'diversi imputazzjonijiet, fosthom dawk ta' serq, hsara volontarja u hruq.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet *per se* fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li l-imputat cahad l-involviment tieghu fir-rigward tas-serq mis-*sub-station* in kwistjoni. Huwa cahad li qatt dahal fis-*sub-station*. Minkejja dan, u minkejja li ma rrizulta xejn minn tfittxija li saret fuq l-imputat, minn fuq il-vettura li kien qed juza, u mir-residenza tieghu fil-Birgu u mill-*flat* li l-imputat kellu u li jinsab ftit boghod minn fejn hemm is-*sub-station*, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghal dak li gie konkluz mill-Espert Joseph Mallia fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. "JM" (*a fol.* 64 *et seq.* tal-Process Verbal). Mallia ghamel ezami komparattiv bejn il-*lifters* li ngabru mis-*sub-station* minn ghand PS 74 Mark A. Chetcuti u l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat[2]. Mallia kkonkluda, fost l-ohrajn, is-segwenti:

[2] Il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghal dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 603 *et seq.*), tinnota li fir-rapport tieghu, l-Espert Mallia kontinwament jaghmel riferenza ghal "Gordon Grixti". Minkejja dan, m'hemmx dubju li huwa ried jaghmel riferenza ghal "Gordon Grima" (cioé l-imputat fil-kawza odjerna) u li r-riferenza tieghu ghal "Gordon Grixti" kienet biss *lapsus calami* u dana *stante* li l-konnotati l-ohra tal-imputat li jaghmel riferenza ghalihom Mallia huma identici ghal dawk tal-imputat. Il-Qorti tinnota wkoll li fin-nomina tieghu *a fol.* 62 tal-Process Verbal issir riferenza ghal "Gordon Grima".

4. *"Illi l-impronta dokument 10 CBF 304*[3] *giet ikkomparata pozittivament mal-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija ta' Gordon Grixti [**recte**: Grima], li joqghod fil-fond numru 22, Flat numru 4, Triq il-Foss, il-Birgu, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 471375(M).*

5. *Illi t-tielet (3) u t-tieni (2) impronti li gew elevati permezz tal-lifter dokument 10 CBF 305*[4] *gew ikkomparati pozittivament mal-marki tas-saba z-zghir u s-saba tac-curkett rispettivament, tal-id ix-xellugija ta' Gordon Grixti [**recte**: Grima], li joqghod fil-fond numru 22, Flat numru 4, Triq il-Foss, il-Birgu, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 471375M".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' *fingerprints* qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

[3] 10 CBF 304: Marki misjuba fuq *panel* minn barra fis-sular ta' fuq tas-*sub-station* (*a fol.* 22 tal-Process Verbal).

[4] 10 CBF 305: Marki misjuba fuq *panel* tad-dawl minn gewwa fis-sular ta' fuq tas-*sub-station* (*a fol.* 22 tal-Process Verbal).

Illi fis-sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

> "f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97 ) gie deciz li:

> *"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu 2002 inghad is-segwenti:

> "Il-ligi taghna ma tistabilixiex il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghal biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 *points*. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-*"point of comparison"*".

Imbaghad, fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence""* - li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta

> tikkonvincix lill-Gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

> "Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-Gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

> "F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u ezebiti minn PC 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.
>
> [...]

> Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".

Illi fil-kawza odjerna l-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-imputat effettivament dahal fis-*sub-station* in kwistjoni. Dan qieghed jinghad wara li jittiehed in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, b'mod partikolari l-fatt li *lifter dokument* 10 CBF 304 giet ikkomparata pozittivament mal-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija tal-imputat u *lifter* dokument 10 CBF 305 gew ikkomparati pozittivament mal-marki tas-saba z-zghir u s-saba tac-curkett rispettivament ta' id ix-xellugija tal-imputat.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Serq ikkwalifikat bil-Valur u bil-Mezz)</u>:**
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'serq ta' *cables* tad-dawl mis-*sub-station* hawn fuq imsemmija liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil-mezz.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u

gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'riferenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., <u>Trattato di Diritto Penale Italiano</u> (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti diversament preseduta semghet kif minn stharrig li sar fuq il-post irrizulta li minn gos-*sub-station* ittiehdu madwar mija u sebghin (170) metru ta' *cable*. Noel Muscat (*Senior Technical Officer* mal-Enemalta) jghid li xi hadd seraq l-*earth* u ghamel hsara fin-*neutral*. Muscat jispjega wkoll li kien hemm sgass fuq il-bibien tas-*sub-station*. L-iSpettur Fleri kkonferma wkoll li kien hemm sgass. Apparti l-fatt li David Wright ikkonferma li kien hemm sgass fis-serratura u li din is-serratura kellha tigi trangata, fir-rapport tieghu (Dok. "RA" – *a fol.* 92 *et seq.*), il-Perit Richard Aquilina wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> "Is-*Sub Station*, li jikkonsisti f'zewg *Garages* wiehed fuq l-iehor, jinsab taht Blokk ta' appartamenti fost ghadd ta' *Garages*. Dawn iz-zewg sulari ta' *Garages* ghandhom access liberu minn barra permezz ta' vettura billi ma kienx hemm bibien (rixtellu) msakkra. Gie osservat li wiehed minn dawn l-accessi kellu rixtellu miftuh, bil-katnazz imqabbad mieghu. Ghalhekk il-mezz ta' tiskir kien gie provdut, izda mhux uzat.

> Il-bieb tas-*Sub Station* ta' fuq li jaghti ghal barra, kellu cilindru *flush* mal-wicc tal-bieb. Dan ma jistghax jinqabad b'*wrench* u jitqaccat mil-lok u kien ghalhekk li fiz-zewg bibien li gew sgassati, il-pjanca ta' madwar ic-cilindru kienet imcarrta. Ladarba c-cilindru jitqaccat mil-lok, is-serratura tkun tista' tinfetah b'tornavit".

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, u cioé r-reat ta' serq bil-kwalifiki tal-valur u tal-mezz, giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Hsara Volontarja)</u>:**
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza hsara volontarja li teccedi s-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Illi l-Qorti tinnota li ghandha ssir riferenza ghal dak li gie deciz f'numru ta' sentenzi rigward il-prova dwar hsarat kagunati.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**, deciza fl-24 ta' Frar 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti

> "It-tieni aggravju hu li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-hsara kagunata fil-vettura tal-Gvern. L-appellant ghandu, in parti, ragun. L-istima maghmula mix-xhud Paul Borg (Ara d-dokument CC ezibit mix-xhud Charles Caruana) hija opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-Qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-Gudikant, fis-sens li jekk il-Gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa

> stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara. F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit. L-uniku ammont li jista' jigi minn din il-Qorti accettat bhala hsara kagunata fil-vettura huwa dak ta' Lm31 ghax effettivament dana l-ammont thallas mid-Dipartiment koncernat biex inxtrat mera gdida minflok dik miksura (Ara d-deposizzjoni ta' Paul Borg, *fol.* 44). Dana l-ammont ipoggi r-reat ipotizzat fil-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 325(1) u mhux, kif indikat fl-ewwel imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fil-paragrafu (b)".

Illi fid-decizjoni moghtija fis-7 ta' Dicembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lorita Pace**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Illi dwar l-aggravju li ma saritx il-prova tal-valur tal-*mobile* Nokia 6600 in kwistjoni, Mario George Vella xehed li dan kien xtrah bil-prezz ta' Lm145 xi sitt xhur qabel. Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar** [23.9.2005], meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kuljum tal-Gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha ta' l-ammont tal-hsara fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi *benchmark* partikolari stabilit mil-ligi, m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima tal-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx *"tinhtieg hila jew sengha specjali"* [Art. 650(1) ta' l-imsemmi Kodici]. Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. Ghalhekk ladarba l-Ewwel Qorti kellha l-prova ta' kemm kien inxtara l-*mobile* proprju ftit tax-xhur qabel, setghet legittimament tikkonkludi li l-valur ta' tal-*mobile* kien jaqbez dak ta' mitt lira skond l-Artikolu 267.

> Ghalhekk dan l-aggravju ma hux gustifikat u qed jigi respint".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Cassar** deciza fit-3 ta' Dicembru 2015, il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet is-segwenti:

> "It-tieni aggravju, izda ser ikun milqugh ghaliex l-appellant ghandu ragun meta jghid illi ma ngiebitx dik il-prova li turi li l-kwerelant sofra hsara fl-ammont minnu pretiz. L-kwerelant esebixxa biss stima ta' hsarat u dwar dan, il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra App Krim 24.2.2003** rriteniet illi din ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-Qorti. Naturlament kull kaz ghandu dejjem ikun deciz fuq il-fatti in speci tieghu u meta jitqies illi l-kwerelant ezebixxa biss stima li anqas biss tiddiskrivi t-tiswija li ghandha ssir u minghajr ma ressaq lil min ghamilha sabiex jikkonferma d-dokument, allura din il-Qorti ma tistax ma tqis l-istess bhala opinjoni *ex parte*".

Illi l-Qorti tinnota li fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2011 gie verbalizzat is-segwenti: *"Il-partijiet jaqblu li l-hsara kkawzata f'dan l-incident taqbez l-elf lira Maltija. In vista tal-verbal bejn il-partijiet a skanz ta' hela ta' zmien il-Qorti mhux se tkompli tisma' xhieda"* (*a fol.* 178).

Illi, apparti dak li ghadu kemm inghad, il-Qorti tinnota li minkejja l-fatt li David Wright ikkonferma li giet trangata s-serratura li kienet sgassata u li meta gie mistoqsi jghid kemm giet l-ispiza huwa qal li ma jafx pero jispecifika li kienu tlieta min-nies, da parte tieghu, l-Inginier Brian Micallef, meta mistoqsi jekk is-*sub-station* sofrietx xi danni, wiegeb: *"Bibien u l-materjal u l-panel ghax sgassaw il-panel tal-low tension u plus il-konsegwenzi ghax trid tiskonnettja l-earth"* (*a fol.* 120). Fir-rigward tal-hsara li soffriet direttament l-Enemalta, Micallef ezebixxa dokument li gie mmarkata bhala Dok. "BM" (*a fol.* 124 *et seq.*) li jghid li huwa stima u *breakdown* tal-*labour* u tal-materjal li tammonta ghal €4980.19. Micallef jispjega li filwaqt li dan id-dokument gie ppreparat mill-*foreman* Noel Muscat, hu (Micallef)

ghamel il-parti tal-*labour*. Meta rega' ha l-pedana tax-xhieda, Micallef ezebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. "BM" (*a fol.* 240 *et seq.*). Da parte tieghu, Noel Muscat ikkonferma li l-ammont huwa dak ta' €4980.19. Ezebixxa zewg dokumenti: wiehed immarkat bhala Dok. "NM" (*a fol.* 278)[5] u iehor immarkat bhala Dok. "NM 1" (*a fol.* 279)[6]. Antoine Muscat, li ezebixxa Dok. "AM" (*a fol.* 227), xehed li huwa hadem il-valur tas-sieghat li gew €3725.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jkollu l-ebda dubju li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**
**(Hruq b'Perikolu Komuni):**

Illi l-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghar-rapport redatt mill-Espert l-Profs. Carmelo Pulé fejn fir-rapport tieghu (Dok. "CP" – *a fol.* 115 *et seq.* tal-Process Verbal) huwa kkonkluda, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> "Il-hsarat fis-*sub-station* u d-djar fil-lokalita madwar din is-substation f'Bormla saru ghax in-*neutral* cable fit-*three phase supply* gie maqtugh u misruq. Il-vultagg tas-*supply* fid-djar ghola hafna u haraq apparat li dak il-hin kien ikkonnettjat.
>
> Din kienet serqa minn nies hallelin infurmati sewwa x'kellhom jaghmlu u li riedu jisirqu r-ramm tal-*cables*, u mhux jaghmlu sabutagg – Is-serqa ghamlet hsarat li tista' tidher l-istess effett ta' sabutagg – ma' l-intenzjoni primarja kienet serqa".

Illi minkejja li l-persuna li ssir riferenza ghaliha fit-tielet (3) imputazzjoni u cioé Maria Muscat xehdet rigward il-hsara li giet kagunata fir-residenza fejn tghix, liema hsara giet kagunata in segwitu ta' hruq li kellha fir-residenza in kwistjoni, u minkejja li l-

[5] Dan huwa identiku ghal Dok. "BM" (*a fol.* 240).

[6] Dok. "NM 1" (*a fol.* 279) juri l-*workings* kollha ta' kif wasal ghas-somma ta' €3725. Dan huwa identiku ghal Dok. "AM" (*a fol.* 227) ezebit minn Antoine Muscat.

*leading fireman* Charles Grima xehed li meta acceda fuq il-post in kwistjoni kien hemm nar effettiv u duhhan, pero l-Qorti tinnota li ma jirrizultax li l-imputat volontarjament ta n-nar kif qed jigi akkuzat bih fit-tielet (3) imputazzjoni. Il-Qorti jirrizultalha li n-nar ma giex kawzat volontarjament pero kien kawza tar-reat ta' serq mis-*sub-station*. Ghaldaqstant, it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni sat-Tlieta u Hamsin (53) Imputazzjoni (Hsara Volontarja f'diversi Proprjetajiet ghad-Dannu ta' Diversi Persuni):**

Illi fid-depozizzjoni tieghu, l-iSpettur Fleri spjega li minn meta sar is-serq fis-*sub-station* (fl-20 ta' Settembru 2010) sakemm l-imputat tressaq b'arrest il-Qorti, cioé fl-24 ta' Settembru 2010) kien saru tnejn u hamsin (52) rapport rigward hsarat f'diversi djar gewwa Bormla, liema djar inghad jinsabu fl-*area* fejn is-*sub-station* in kwistjoni tissupplixxi d-dawl.

Illi mill-imputazzjoni erbgha (4) sa imputazzjoni tlieta u hamsin (53) l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza hsara volontarja ghad-dannu ta' diversi nies.

Illi l-Qorti mhijiex tal-fehma li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara volontarja fir-rigward ta' dak li qed jigi akkuzat bih mir-raba' (4) imputazzjoni sa tlieta u hamsin (53) imputazzjoni. Dak li gie kkawzat fid-diversi residenzi ta' nies gie kawzat in segwitu ta' dak li l-imputat wettaq fis-*sub-station* in kwistjoni u b'hekk l-imputat jista' jigi kkunsidrat li wettaq hsara involontarja fir-rigward tal-imputazzjonijiet in ezami f'din il-parti tas-sentenza.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roxanne Callus** deciza fl-20 ta' Settembru 2013, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Dwar l-ewwel parti tal-aggravju ghandu jinghad li l-imputazzjoni kienet li l-appellanti: *"ghamlet hsara volontarjament billi hassret u gharrqet hwejjeġ haddieħor"*. Fis-

sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati qalet hekk: "*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja skont l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, minflok issibha hatja tar-reat minuri, kompriz u involut fir-reat lilha imputat, u cioé ta' hsara involontarja ai termini tal-Artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta...*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti ir-reat ta' hsara involontarja huwa kompriz u involut fir-reat ta' hsara volontarja. Ghandek l-istess element materjali fiz-zewġ reati waqt li l-intenzjoni hija differenti. Fl-ewwel kaz, il-hsara tkun saret apposta waqt li fit-tieni kaz, il-hsara tkun wahda involontarja. Zgur li r-reat ta' hsara involontarja huwa wiehed izghar minn dak ta' hsara volontarja u ghandu x'jaqsam fin-natura mar-reat ta' hsara volontarja. Mhux bhal, biex wiehed jaghti ezempju, id-differenza li hemm bejn ir-*ragion fattasi* u s-serq. Ma jistax ir-reat ta' *ragion fattasi* jissostitwixxi dak tas-serq jew vice-versa ghaliex dawn iz-zewg reati huma totalment differenti kemm mil-lat materjali kif ukoll mil-lat intenzjonali. Imma mhux hekk fil-kaz bejn hsara volontarja u hsara involontarja ghaliex it-tieni reat huwa kompriz u involut fl-ewwel reat. Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad din il-parti tal-aggravju".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Formosa** deciza fl-14 ta' Ottubru 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

"6. L-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti sostanzjalment filli jsostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex semplicement tillibera lill-imputat appellat Mario Formosa mill-ewwel imputazzjoni izda l-ewwel Qorti messha fic-cirkostanzi minflok sabitu hati tar-reat ta' hsara involontarja li huwa kompriz u nvolut fir-reat ta' hsara involontarja (recte: volontarja).

7. Ma hemmx dubbju li l-appellant ghandu ragun tal-anqas safejn jirritjeni li r-reat ta' hsara involontarja huwa kompriz u involut fir-reat ta' hsara volontarja u in kwantu tali,

> purché dak ir-reat kompriz u involut jirrizulta pruvat, l-ewwel Qorti setghet issib lill-imputat appellat hati tiegħu.
>
> 8. Id-difiza ssottomettiet li fi kwalunkwe kaz f'dan l-istadju din il-Qorti hi prekluza milli ssib htija tal-ewwel imputazzjoni ghaliex meta l-ewwel Qorti sabet htija tat-tieni u tielet imputazzjoni dan kien necessarjament jimplika li kienet qed issib lill-imputat appellat effettivament hati wkoll tar-reat ta' hsara involontarja.
>
> [...]
>
> 12. Jekk l-ewwel Qorti kienet gustifikata li jkollha dubbju dwar ir-reat ta' hsara volontarja fl-ewwel imputazzjoni ma seta' kellha ebda dubbju li rrizultaw l-elementi mehtieġa tar-reat ta' hsara involontarja. *Di fatti* jekk l-ghemil tal-imputat ma kienx volontarju meta bil-vettura tieghu investa l-vettura ta' Ivan Cauchi certament is-sewqan tieghu li wassal ghal dik il-habta li kkagunat il-hsara fil-vettura ta' Ivan Cauchi kien b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni. Ghalhekk l-ewwel Qorti mhux biss setghet izda kellha ssib lil-imputat appellat hati tar-reat kompriz u involut ta' hsara involontarja".

Illi, tenut kont tal-gurisprudenza appena kwotata, minkejja li fl-imputazzjoni erbgha (4) sa imputazzjoni tlieta u hamsin (53) l-imputat gie akkuzat bi hsara volontarja, f'kaz li jigi ppruvat li l-imputat ikkawza hsara lill-persuna koncernata skond l-imputazzjoni *per se*, il-Qorti ser issib htija ta' hsara involontarja.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghad-diversi sentenzi rigward il-prova dwar hsarat kagunati liema sentenzi saru riferenza ghalihom fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet *per se* fir-rigward ta' imputazzjoni erbgha (4) sa imputazzjoni tlieta u hamsin (53).

Ir-Raba' (4) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghad-dannu soffert fi Flat 9, Blokk 6a, San Gwann T'Ghuxa, Bormla, minn Sabrina Degiorgio. L-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Salvina Degiorgio li tghid li toqghod Blokk 6a, Flat 9, San San Gwann t'Ghuxa, Bormla. L-okkorrenza ta' PS 1576 Simon Grech (Dok. "SG" – *a fol.* 44 *et seq.*), taghmel riferenza ghal Salvina Degiorgio (*a fol.* 56). Il-Qorti ghaldaqstant ser tqies ir-riferenza ghal Sabrina Degiorgio f'din l-imputazzjoni bhala semplici *lapsus calami*. Fid-depozizzjoni taghha, Degiorgio (*a fol.* 495 *et seq.*) tghid li wara li mar id-dawl spiccat bi hsara fit-televizjoni u l-qanpiena.

Il-Hames (5) Imputazzjoni:
L-imputazzjoni imsemmija taghmel riferenza ghad-dannu soffert minn Rosario Bellotti fi Blokk 6a, Flat 4, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. L-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Rosaria Bellotti li tghid li toqghod Blokk 6a, Flat 4, San San Gwann t'Ghuxa, Bormla. L-okkorrenza ta' PS 1576 Simon Grech (Dok. "SG" – *a fol.* 44 *et seq.*), taghmel riferenza ghal Rosaria Bellotti (*a fol.* 50). Bhal fil-kaz tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti ser tqies ir-riferenza ghal Rosario Bellotti fil-hames (5) imputazzjoni bhala semplici *lapsus calami*. Fid-depozizzjoni taghha, Bellotti (*a fol.* 154 *et seq.*) ikkonfermat li giet kagunata hsara fir-residenza fejn toqghod u ssemmi t-televizjoni, il-qanpiena ta' barra, it-tubu u l-fan u xi affarijiet zghar ohra.

Is-Sitt (6) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Emanuel Xuereb. Fid-depozizzjoni tieghu, Xuereb (*a fol.* 180 *et seq.* u *a fol.* 370 *et seq.*) xehed fuq il-hsarat kagunati fir-residenza fejn joqghod. Jghid li gratlu hsara f'certu *appliances* u jsemmi l-kompjuter, il-*fridge freezer*, il-*washing-machine*, *video recorder* u t-televizjoni.

Is-Seba' (7) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Sandro Darmanin. Il-Qorti tinnota li fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Awwissu 2014 (*a fol.* 545) inghad is-segwenti: *"L-Ufficjal Prosekutur esebixxa riferti negattivi ta' Sandro Darmanin u Marceline Marmara li huma l-unika*

*zewg xhieda li fadal".* Sandro Darmanin baqa' qatt ma xehed f'dawn il-proceduri, ghaldaqstant is-seba' (7) imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni</u>:
Illi fid-depozizzjoni taghha Ruth Spiteri Bongailas (*a fol.* 448 *et seq.*) ikkonfermat li giet kagunata hsara fir-residenza fejn toqghod. Hija ssemmi l-*air conditioner*, ir-*reverse osmosis* u l-kompjuter.

<u>Id-Disa' (9) Imputazzjoni</u>:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Sylvana Bongailas li toqghod Flat 2, Blokk 6, Triq San Mikiel, Bormla. L-imsemmija Bongailas xehdet (*a fol.* 451 *et seq.*) u kkonfermat li kellha hsara fil-*fridge*, fil-kompjuter, f'zewg *televisions* u fis-satelitta liema affarijiet kienu fir-residenza fejn toqghod. Hija ezebiet ukoll xi ricevuti.

<u>L-Ghaxar (10) Imputazzjoni</u>:
Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni xehdet Maria Melissa Muscat (*a fol.* 464 *et seq.*) li toqghod 8, Sur San Pawl, Bormla fejn spjegat fiex sofriet il-hsara fir-residenza fejn toqghod. Hija tispecifika li kellha hsara, fost l-ohrajn, fis-segwenti: *air-conditioner,* zewg *televisions*, *fan,* u *hair dryer*.

<u>Il-Hdax (11) Imputazzjoni</u>:
Il-persuna mmsemija f'din l-imputazzjoni, cioé Carmen Paretti li toqghod 69, Flat 1, Triq Santa Liena, Bormla xehdet (*a fol.* 400 *et seq.*) li sofriet xi hsara fir-residenza fejn toqghod u tispecifika li l-hsara kienet fis-segwenti: f'zewg *televisions*, fit-telefon, fil-*hood* u fil-*washing machine*.

<u>It-Tnax (12) Imputazzjoni</u>:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Antoinette Borg li fl-imputazzjoni jinghad li sofriet hsara fi Blokk 5, Flat 5, Triq Mariano Gerada, Bormla. Minkejja li l-atti jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Antoinette Borg li tghid li toqghod f'Blokk 5, Flat 6 [u mhux fi Flat 5!], Triq Mariano Gerada, Bormla, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li din hija l-istess Antoinette Borg li ssir riferenza ghaliha fl-

imputazzjoni in ezami. Antoinette Borg xehdet (*a fol.* 383 *et seq.*) li sofriet hsara fil-kompjuter, fid-DVD, fl-*air-conditioners*, fil-*microwave* u fil-*hood*.

<u>It-Tlettax (13) Imputazzjoni</u>:
Fid-depozizzjoni tieghu, Joseph Spiteri (*a fol.* 169 *et seq.*) li jghid li joqghod 2, Sur San Pawl, Bormla, jispjega fiex kienu jikkonsistu l-hsarat kagunati fir-residenza fejn joqghod. In kontro-ezami meta gie mistoqsi jghid jekk jahfirx lill-imputat, wiegeb fl-affermattiv.

<u>L-Erbatax (14) Imputazzjoni</u>:
Il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni, cioé Josette Schembri Vella xehdet (*a fol.* 528 *et seq.*) li hija sofriet hsarat fl-ufficcju taghha li jinsab fi Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Hija spjegat li kellha hsara fis-segwenti: fil-kompjuter, fit-*transformers* tad-dawl u fl-*air conditioner*.

<u>Il-Hmistax (15) Imputazzjoni</u>:
Joseph D'Anastas, il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni u li joqghod Blokk 10, Flat 6, San Gwann t'Ghuxa, Bormla, xehed (*a fol.* 395 *et seq.*) fir-rigward tal-hsarat kagunati fir-residenza fejn joqghod. Jaghmel riferenza ghal: *fridge*, *freezer*, *air-conditioner*, zewg radji, telefon, u kompjuter. Ezebixxa bhala Dok. "JD" (*a fol.* 398) ricevuti tal-affarijiet li saret il-hsara fihom u bhala Dok. "JD 1" (*a fol.* 399) ricevuta tal-affarijiet li xtara biex ibiddilhom.

<u>Is-Sittax (16) Imputazzjoni</u>:
Minkejja li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Vincenza Cutajar, il-Qorti ma ghandux ghalfejn ikollha dubju li x-xhud Censina Cutajar li xehdet (*a fol.* 409 *et seq.*) li toqghod 1, Sur San Pawl, Bormla hija l-istess persuna ndikata fl-imsemmija imputazzjoni. Hija tikkonferma li sofriet hsara fis-segwenti: fil-*geyser*, fit-televizjoni u fl-i*stereo*.

<u>Is-Sbatax (17) Imputazzjoni</u>:
Il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni, cioé John Grech xehed (*a fol.* 443 *et seq.*) li huwa sofra hsara fir-residenza fejn joqghod cioé

Blokk 71, Flat 4, Triq Santa Liena, Bormla. Huwa spjega li kellu hsara fis-segwenti: fil-*fridge*, fl-i*switches*, fl-arloggi u fir-radju.

It-Tmintax (18) Imputazzjoni:
Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni giet imressqa bhala xhud ghal darba darbtejn certu Alexandra [Sandra] Vassallo (*a fol.* 368 *et seq.* u *a fol.* 526 *et seq.*) li tghix f'Blokk 6a, Flat 6, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. Hija xehdet fir-rigward tal-hsarat kagunati fir-residenza fejn toqghod.

Id-Dsatax (19) Imputazzjoni:
Ix-xhud Ronald Ungaro gie mressaq bhala xhud u dan xehed (*a fol.* 158 *et seq.*) li joqghod Blokk 6a, Numru 8, San Gwann T'Ghuxa, Bormla. Ungaro xehed ukoll li sofra xi hsara f'numru ta' affarijiet imsemmija minnu fid-depozizzjoni tieghu u jsemmi t-televizjoni, il-qanpiena ta' barra, it-tubu, il-fan u affarijiet zghar.

L-Ghoxrin (20) Imputazzjoni:
Il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni, cioé Assuero Micallef xehed (*a fol.* 165 *et seq.*) li huwa sofra hsara fit-televizjoni li jinsab fejn joqghod cioé 4, Sur San Pawl, Bormla. In kontro-ezami, meta Micallef gie mistoqsi jghid jekk kienx qed jahfer lill-imputat, wiegeb fl-affermattiv.

Il-Wiehed u Ghoxrin (21) Imputazzjoni:
Bhal fl-kaz tas-sittax (16) imputazzjoni, minkejja li l-wiehed u ghoxrin (21) imputazzjoni taghmel riferenza ghal John Scerri li jinghad li sofra hsara fir-residenza Blokk 6a, Flat 7, San Gwann t'Ghuxa, Bormla u minkejja li l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Giovanni Scerri li xehed (*a fol.* 162 *et seq.*) li joqghod fl-imsemmi indirizz, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li John Scerri imsemmi fl-imputazzjoni huwa Giovanni Scerri li xehed f'dawn il-proceduri. Scerri xehed fir-rigward tal-hsarat kagunati lilu f'diversi affarijiet fir-residenza tieghu. Mistoqsi jghid jekk jahfirx lill-imputat, wiegeb fl-affermattiv.

It-Tnejn u Ghoxrin (22) Imputazzjoni:
Paul Bonnici, il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni, xehed (*a fol.* 550 *et seq.*) li huwa sofra hsarat f'numru ta' affarijiet li jinsabu fir-residenza fejn joqghod cioé Blokk 6a, Flat 1, Triq Maria Concetta Mintoff, Bormla. Huwa jsemmi, fost l-ohrajn, it-televizjoni u l-*microwave*.

It-Tlieta u Ghoxrin (23) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Gertrude Galea. Din il-persuna xehdet (*a fol.* 390 *et seq.*) u qalet li t-televizjoni taghha sofra xi hsara. Ezebiet ricevuta li giet immarkata bhala Dok. "GG" (*a fol.* 392).

l-Erbgha u Ghoxrin (24) Imputazzjoni:
Teresa Bongailas imsemmija f'din l-imputazzjoni tghid (*a fol.* 419 *et seq.*) li sofriet xi hsara f'xi *appliances* li kellha fir-residenza fejn toqghod.

Il-Hamsa u Ghoxrin (25) Imputazzjoni:
Minkejja li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Dorianne Sultana u minkejja li l-atti ma jikkontjenux id-depozizzjoni tal-imsemmija Dorianne Sultana, pero l-atti jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Maria Sultana li xehdet (*a fol.* 421 *et seq.*) li toqghod Blokk 3, Flat 5, Triq San Mikiel, Bormla. *Stante* li l-imputazzjoni msemmija taghmel riferenza wkoll *"u/jew persuni ohra"*, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li fir-residenza msemmija giet kagunata hsara involontarja.

Is-Sitta u Ghoxrin (26) Imputazzjoni:
Peter Muscat imsemmi f'din l-imputazzjoni jghid (*a fol.* 373 *et seq.*) li sofra xi hsara f'xi *appliances* tad-dar fejn joqghod. Jghid li sofra hsara f'zewg *televisions*. Mistoqsi jghid jekk ghandux interess, wiegeb li ma ghandux.

Is-Sebgha u Ghoxrin (27) Imputazzjoni:
John Debono imsemmi fl-imputazzjoni ndikata xehed (*a fol.* 387 *et seq.*) li sofra diversi hsarat f'numru ta' affarijiet fir-residenza fejn joqghod cioé Flat 3, Blokk 67, St. Helen Street, Bormla.

It-Tmienja u Ghoxrin (28) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Francis Gatt. Din Gatt xehdet (*a fol.* 253 *et seq.*) u qalet fiex sofriet hsarat fir-residenza fejn toqghod. Ezebiet zewg ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "FG" (*a fol.* 256).

Id-Disa' u Ghoxrin (29) Imputazzjoni:
Rosanne Cesare msemmija f'din l-imputazzjoni xehdet (*a fol.* 257 *et seq.*) li toqghod numru 71, Flat 2, Triq Santa Liena, Bormla. Hija xehdet ukoll li sofriet numru ta' hsarat f'numru ta' affarijiet fir-residenza taghha. Ezebiet xi ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "RC" (*a fol.* 261).

It-Tletin (30) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Anthony Gerald Scinto. L-imsemmi Scinto xehed (*a fol.* 438 *et seq.*) li kellu xi affarijiet li nharqu wara li kien nqata' d-dawl. Fid-depozizzjoni tieghu, Scinto jelenka l-affarijiet li gratlu l-hsara fihom.

Il-Wiehed u Tletin (31) Imputazzjoni:
Minkejja li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Emanuel Catania li joqghod Flat 2, Blokk 8, San Gwann t'Ghuxa, Bormla, u minkejja li l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Emilio Catania li xehed ghal darba darbtejn (*a fol.* 250 *et seq.* u *a fol.* 379 *et seq.*) li jirrisjedi fl-istess indirizz u li xehed li giet kagunata hsara f'numru ta' *appliances* fir-residenza tieghu, il-Qorti ma ghandhiex ikollha dubju li giet pruvat li giet kagunata hsara involontarja fir-residenza fejn joqghod l-imsemmi Catania.

It-Tnejn u Tletin (32) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Carmela Busuttil. F'dawn il-proceduri xehdet Carmela Busuttil (*a fol.* 393 *et seq.*) fejn qalet li sofriet hsara fit-televizjoni u fit-telefon.

It-Tlieta u Tletin (33) Imputazzjoni:
Amanda Azzopardi msemmija f'din l-imputazzjoni xehdet (*a fol.* 381 *et seq.*) li gratilha hsara fit-televizjoni u fir-*surround*.

L-Erbgha u Tletin (34) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Emanuel Leone Ganado. Leone Ganado gie mressaq bhala xhud u huwa xehed (*a fol.* 407 *et seq.*) fir-rigward tal-hsarat kagunati fir-residenza fejn joqghod.

Il-Hamsa u Tletin (35) Imputazzjoni:
Il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni, cioé Mary Ciantar xehdet (*a fol.* 467 *et seq.*) fejn spjegat li sofriet xi hsarat f'numru ta' affarijiet li jinsabu fir-residenza taghha.

Is-Sitta u Tletin (36) Imputazzjoni:
Emmanuel Mifsud imsemmi f'din l-imputazzjoni xehed (*a fol.* 424 *et seq.*) li huwa sofra hsara f'numru ta' affarijiet li jinsabu fir-residenza fejn joqghod. Huwa pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. "EM" (*a fol.* 426).

Is-Sebgha u Tletin (37) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal certu John Pisani. Dan John Pisani xehed (*a fol.* 454 *et seq.*) li huwa joqghod Blokk 7a, Flat 7, San Gwann t'Ghuxa, Bormla u jghid li sofra hsara fit-televizjoni.

It-Tmienja u Tletin (38) Imputazzjoni:
Carmel Camilleri msemmi f'din l-imputazzjoni xehed f'dawn il-proceduri u qal (*a fol.* 469 *et seq.*) li gratlu hsara fil-*fridge*, fit-televizjoni, u fil-*washing machine*.

Id-Disgha u Tletin (39) Imputazzjoni:
L-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni moghtija minn Carmel Micallef li xehed (*a fol.* 445 *et seq.*) li gratlu hsara fil-*microwave*, fit-televizjoni u fl-*intercom*. Ezebixxa ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "CM" (*a fol.* 447a).

L-Erbghin (40) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal certu Margaret Fiorini. L-imsemmija Fiorini xehdet f'dawn il-proceduri u filwaqt li qalet (*a fol.* 441 *et seq.*) li toqghod 67, Flat 5, St. Helen Street, Bormla, qalet ukoll li kellha hsara f'numru ta' affarijiet li semmiet hija fid-depozizzjoni taghha.

Il-Wiehed u Erbghin (41) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Mary Magro. L-imsemmija Mary Magro xehdet f'dawn il-proceduri u filwaqt li qalet (*a fol.* 471 *et seq.*) li toqghod Blokk 71, Flat 1, St. Helen Street, Bormla, wiegbet li gratilha hsara f'numru ta' affarijiet imsemmija minnha fid-depozizzjoni taghha.

It-Tnejn u Erbghin (42) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Emanuel Frendo. Il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-15 ta' April 2014 (*a fol.* 512), il-Prosekuzzjoni ddikjarat li Emanuel Frendo kien decedut. *Di fatti*, l-atti processwali ma jikkontjenux id-depozizzjoni ta' l-imsemmi Emanuel Frendo jew ta' xi persuna ohra li tista' b'xi mod tigi diretta lejn din l-imputazzjoni. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma gietx pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

It-Tlieta u Erbghin (43) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal certu Francis Caruana. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 437), il-Prosekuzzjoni ddikjarat li x-xhud Francis Caruana miet tmien xhur qabel. Bhal fil-kaz tat-tnejn u erbghin (42) imputazzjoni, *stante* li l-atti ma jikkontjenux id-depozizzjoni tal-imsemmi Francis Caruana jew ta' xi persuna ohra li tista' b'xi mod tigi diretta lejn l-imputazzjoni in ezami (cioé it-tlieta u erbghin (43) imputazzjoni), il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva hlief li tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni *stante* li din ma giet bl-ebda mod pruvata.

L-Erbgha u Erbghin (44) Imputazzjoni:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal certu Joseph Bugeja. L-imsemmi Joseph Bugeja xehed (*a fol.* 489 *et seq.*) li kienet gratlu hsara fil-*washing machine* u fil-*fridge*.

Il-Hamsa u Erbghin (45) Imputazzjoni:
Il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni, cioé Julian Borg xehed (*a fol.* 473 *et seq.*) li sofra hsarat fit-televizjoni, fil-kompjuter u fit-*transformer*. Ezebixxa dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JB" (*a fol.* 475 *et seq.*) u "JB 1" (*a fol.* 478 *et seq.*).

Is-Sitta u Erbghin (46) Imputazzjoni:

Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Josephine Gatt li toqghod Blokk 7b, Flat 5, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. L-imsemmija Josephine Gatt xehdet f'dawn il-proceduri u qalet (*a fol.* 480 *et seq.*) li sofriet hsara f'numru ta' affarijiet.

Is-Sebgha u Erbghin (47) Imputazzjoni:

Il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni, cioé Carlo Xuereb xehed (*a fol.* 482 *et seq.*) li sofra hsara fis-*sound system* tal-kompjuter.

It-Tmienja u Erbghin (48) Imputazzjoni:

Din l-imsemmija taghmel riferenza ghal Carmelo Diacono li jirrisjedi fi Flat 6, Blokk 9, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. L-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni tal-imsemmi Diacono li joqghod fl-istess indirizz. Diacono xehed (*a fol.* 497 *et seq.*) li kellu xi hsara f'numru ta' affarijiet fir-residenza fejn joqghod.

Id-Disgha u Erbghin (49) Imputazzjoni:

Filwaqt li l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Mercelline Marmara, liema xhud qatt ma giet prodotta f'dawn il-proceduri, il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni u ghall-istess ragunijiet imsemmija f'din l-imsemmija imputazzjoni, il-Qorti tillibera lill-imputat mid-disgha u erbghin (49) imputazzjoni *stante* li ma gietx pruvata.

Il-Hamsin (50) Imputazzjoni:

Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Maria Grazia Grech ta' Blokk 8, Flat 3, San Gwann t'Ghuxa, Bormla. L-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni ta' Mary Grace Grech tal-istess indirizz imsemmi f'din l-imputazzjoni u l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li Maria Grazia Grech hija l-istess Mary Grace Grech li xehdet f'dawn il-proceduri. Grech xehdet (*a fol.* 519 *et seq.*) li sofriet xi hsarat fuq numru ta' affarijiet fir-residenza fejn toqghod.

Il-Wiehed u Hamsin (51) Imputazzjoni:

Il-persuna msemmija f'din l-imputazzjoni certu Camilleri xehdet f'dawn il-proceduri. Hija xehdet (*a fol.* 553 *et seq.*) li toqghod

Entrance 5, Flat 4, Triq Mariano Gerada, Bormla u qalet li sofriet hsara f'numru ta' affarijiet. Tghid li kellha hsara f'zewg *televisions*, fis-*sub-woofer*, fic-*chargers* tal-*mobile*, fil-*cordless*, u kif ukoll fil-*hoover*.

<u>It-Tnejn u Hamsin (52) Imputazzjoni</u>:
Din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Francis Spiteri. L-imsemmija Spiteri xehed f'dawn il-proceduri u qal (*a fol.* 524 *et seq.*) li kellu hsara f'numru ta' affarijiet.

<u>It-Tlieta u Hamsin (53) Imputazzjoni</u>:
Taht din l-imputazzjoni, l-imputat qieghed akkuzat li kkawza hsara fir-rigward ta' diversi persuni mhux maghrufa. Apparti dak li nghad hawn fuq, l-atti processwali jikkontjenu wkoll id-depozizzjoni ta' numru ta' persunui ohra. Dawn il-persuna huma s-segwenti: Joseph Formosa (*a fol.* 491 *et seq.*), Pawlu Muscat (*a fol.* 493 *et seq.*), Carmen Gatt (*a fol.* 521 *et seq.*) u Raymond Gatt (*a fol.* 536 *et seq.*). Fid-depozizzjoni taghhom, kollha kemm huma xehdu li sofrew hsarat f'numru ta' affarijiet.

**<u>Recidiva *ai termini* ta' Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**
Illi fic-*Charge Sheet* l-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* ta' Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja li l-atti processwali jikkontjenu l-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 10 *et seq.*), pero l-imsemmija atti processwali ma jikkontjenu l-ebda sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat in sostenn tal-addebitu tar-recidiva u b'hekk il-Qorti bl-ebda mod ma tista titratta mal-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Artikoli tal-Ligi ndikati biss fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali</u>**
Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinsab htija wkoll fl-imputat fir-rigward tas-segwenti Artikoli: Artikoli 49, 50, 326(1)(c), 326(1)(e), 326(1)(f), u 326(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-Artikoli tal-Ligi ma gewx indikati fic-*Charge Sheet* fil-konfront tal-imputat.

Illi fir-rigward ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-istess ragunijiet imsemmija aktar il-fuq fir-rigward ta' Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tista bl-ebda mod tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward ta Artikoli 326(1)(c), 326(1)(e), 326(1)(f), u 326(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li fl-atti processwali jirrizulta li x'hin il-*link* bejn in-*neutral* u l-*earth* jigi nterrot, il-vultaggi jvarjaw u bhala konsegwenza jinharqu affarijiet u *appliances* tan-nies. Dan xehdu l-Inginier Brian Micallef. Da parte tieghu, is-*Senior Technical Officer* Noel Muscat xehed li min dahal fis-*sub-station* seraq l-*earth* u ghamel hsara fin-*neutral* u konsegwenza ta' hekk inharqu affarijiet u *appliances* lill-konsumaturi li kienu jiehdu dawl minn dik is-*sub-station*. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li gie konkluz mill-Espert il-Profs. Carmelo Pulé fir-rapport tieghu (Dok. "CP" – *a fol.* 115 *et seq.* tal-Process Verbal).

Illi filwaqt li dak li jipprovdu Artikoli 326(1)(e), 326(1)(f) u 326(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex pruvat, jirrizulta li gie pruvat li l-imputat ikkommetta dak li jiddisponi Artikolu 326(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti:

- ser tillibera lill-imputat mis-segwenti imputazzjonijiet: it-tielet (3), is-seba' (7), it-tnejn u erbghin (42), it-tlieta u erbghin (43) u d-disgha u erbghin (49);

- ser tillibera lill-imputat ukoll minn Artikoli 49, 50, 289, 326(1)(e), 326(1)(f) u 326(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- ser issib htija tal-ewwel (1) imputazzjoni (bil-kwalifiki tal-valur u tal-mezz) u tat-tieni (2) imputazzjoni;

- ser issib lill-imputat hati ta' hsara involontarja reat minuri kompriz u nvolut fis-segwenti imputazzjonijiet: ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), it-tmien (8), id-disa' (9), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13), l-erbatax (14), il-hmistax (15), is-sittax (16), is-sbatax (17), it-tmintax (18), id-dsatax (19), l-ghoxrin (20), il-wiehed u ghoxrin (21), it-tnejn u ghoxrin (22), it-tlieta u ghoxrin (23), l-erbgha u ghoxrin (24), il-hamsa u ghoxrin (25), is-sitta u ghoxrin (26), is-sebgha u ghoxrin (27), it-tmienja u ghoxrin (28), id-disa' u ghoxrin (29), it-tletin (30), il-wiehed u tletin (31), it-tnejn u tletin (32), it-tlieta u tletin (33), l-erbgha u tletin (34), il-hamsa u tletin (35), is-sitta u tletin (36), is-sebgha u tletin (37), it-tmienja u tletin (38), id-disgha u tletin (39), l-erbghin (40), il-wiehed u erbghin (41), l-erbgha u erbghin (44), il-hamsa u erbghin (45), is-sitta u erbghin (46), is-sebgha u erbghin (47), it-tmienja u erbghin (48), il-hamsin (50), il-wiehed u hamsin (51), it-tnejn u hamsin (52), u t-tlieta u hamsin (53);

  u

- ser issib htija wkoll ta' dak li jiddisponi Artikolu 326(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati;

- il-fatt li kawza ta' dak li ghamel l-imputat fis-*sub-station* in kwistjoni gew kagunati diversi hsarat (uhud minnhom zghar u uhud kbar) f'numru konsiderevoli ta' residenzi u dana ghad-dannu ta' numru konsiderevoli ta' nies;

- il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 10 *et seq.*);

- il-fatt li ser jigi applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u

dana *stante* li r-reat mertu tat-tieni (2) imputazzjoni serva bhala mezz ghall-fini ghar-reat fl-ewwel (1) imputazzjoni,

- il-fatt li jirrizulta li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna minhabba d-dipendenza tieghu fuq id-droga. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn Dr. Joseph Spiteri, minn Victoria [Vicky] Scicluna u mill-*Probation Officer* Ivan Sultana. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni dak li nghad fir-rapporti tal-*Probation Officer* imsemmi, liema rapporti gew ipprezentati fil-11 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 564), fit-12 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 573), u fis-6 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 591 *et seq.*).

Tenut kont ta' dan kollu hija tal-fehma li ghandha tigi mposta fil-konfront tal-imputat piena ta' prigunerija effettiva fit-terminu ta' liema l-imputat ghandu jinghata kull ghajnuna necessarja sabiex jeghleb il-problema tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li

ma ssibx lill-imputat hati tas-segwenti imputazzjonijiet: it-tielet (3), is-seba' (7), it-tnejn u erbghin (42), it-tlieta u erbghin (43), u d-disgha u erbghin (49) u b'hekk tilliberah minnhom,

ma ssibx lill-imputat hati ta' Artikoli 49, 50, 289, 326(1)(e), 326(1)(f) u 326(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilliberah minnhom,

ma ssibx lill-imputat hati tas-segwenti imputazzjonijiet <u>kif dedotti</u>: ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), it-tmien (8), id-disa' (9), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13), l-erbatax (14), il-hmistax (15), is-sittax (16), is-sbatax (17), it-tmintax (18), id-dsatax (19), l-ghoxrin (20), il-wiehed u ghoxrin (21), it-tnejn u ghoxrin (22), it-tlieta u ghoxrin (23), l-erbgha u ghoxrin (24), il-hamsa u ghoxrin (25), is-sitta u ghoxrin (26), is-sebgha u ghoxrin (27), it-tmienja u ghoxrin (28), id-disa' u ghoxrin (29), it-tletin (30), il-wiehed u tletin (31), it-tnejn u tletin (32), it-tlieta u tletin (33), l-erbgha u tletin (34), il-hamsa u tletin (35), is-sitta u tletin (36), is-sebgha u tletin (37), it-tmienja u tletin (38), id-disgha u tletin (39), l-erbghin (40), il-wiehed

u erbghin (41), l-erbgha u erbghin (44), il-hamsa u erbghin (45), is-sitta u erbghin (46), is-sebgha u erbghin (47), it-tmienja u erbghin (48), il-hamsin (50), il-wiehed u hamsin (51), it-tnejn u hamsin (52), it-tlieta u hamsin (53) imputazzjoni

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 12 ta' Settembru 2014 u senjatament Artikoli 261(b), 261(c), 263, 267, 325(1)(a), u 326(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll Artikoli 17(h) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Gordon Grima **hati** tas-segwenti imputazzjonijiet: l-ewwel (1) (bil-kwalifiki tal-valur u tal-mezz) u t-tieni (2) imputazzjoni **u** kif ukoll ta' hsara involontarja li huwa reat kompriz u involut fis-segwenti imputazzjonijiet: ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), it-tmien (8), id-disa' (9), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13), l-erbatax (14), il-hmistax (15), is-sittax (16), is-sbatax (17), it-tmintax (18), id-dsatax (19), l-ghoxrin (20), il-wiehed u ghoxrin (21), it-tnejn u ghoxrin (22), it-tlieta u ghoxrin (23), l-erbgha u ghoxrin (24), il-hamsa u ghoxrin (25), is-sitta u ghoxrin (26), is-sebgha u ghoxrin (27), it-tmienja u ghoxrin (28), id-disa' u ghoxrin (29), it-tletin (30), il-wiehed u tletin (31), it-tnejn u tletin (32), it-tlieta u tletin (33), l-erbgha u tletin (34), il-hamsa u tletin (35), is-sitta u tletin (36), is-sebgha u tletin (37), it-tmienja u tletin (38), id-disgha u tletin (39), l-erbghin (40), il-wiehed u erbghin (41), l-erbgha u erbghin (44), il-hamsa u erbghin (45), is-sitta u erbghin (46), is-sebgha u erbghin (47), it-tmienja u erbghin (48), il-hamsin (50), il-wiehed u hamsin (51), it-tnejn u hamsin (52), it-tlieta u hamsin (53) imputazzjoni

u tikkundanna lill-imputat Gordon Grima ghal perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri

(inkluz fil-Process Verbal), u cioé is-somma komplessiva ta' elf, sitt mija u tlettax il-Euro u centezmu (€1613.01).[7]

Finalment, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja fir-rigward tad-dipendenza tieghu fuq id-droga.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[7] Dr. Anton Grech (Dok. "AG" – *a fol.* 87 *tergo*): €250; Perit Richard Aquilina (Dok. "RA" – *a fol.* 96 *tergo*): €187.63; PS 1147 Antoine Fenech u PS 74 Mark A. Chetcuti (Dok. "AF" – *a fol.* 26 tal-Process Verbal): €264.13; PS 1374 Edgar Dalli (Dok. "ED" – *a fol.* 60 *tergo* tal-Process Verbal): €20; Joseph Mallia (Dok. "JM" – *a fol.* 85 tal-Process Verbal): €616.46; Profs. Carmelo Pulé (Dok. "CP" – *a fol.* 160 tal-Process Verbal): €274.79.